31999R0800

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 800/1999

tal-15 ta' April 1999

li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Gunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 923/96 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 21 tiegħu, u tad-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' regolamenti oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agrimonetarji għall-euro ([3]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 9 tiegħu,

(1) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 tas-27 ta' Novembru 1987 li jistipula regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli ([4]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 604/98 ([5]), kien emendat ripetutament u sostanzjalment; billi, minħabba emendi ġodda, dan għandu jsir mill-ġdid biex ikun iżjed ċar;

(2) Billi r-regoli ġenerali stipulati mill-Kunsill jipprovdu għall-ħlas ta'-rifużjonijiet meta tinġieb prova li l-prodotti jkunu ġew esportati mill-Komunità, billi l-intitolament għar-rifużjonijiet tkun akkwistata malli l-prodotti jħallu s-suq tal-Komunità, meta tapplika rata waħda ta' rifużjonijiet għall-pajjiżi terzi kollha; billi, meta jkun hemm differenza fir-rata tar-rifużjonijiet skond id-destinazzjoni tal-prodotti, l-intitolament għar-rifużjonijiet jiddependi fuq il-kondizzjoni ta' l-importazzjoni f'pajjiż terz;

(3) Billi l-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj dwar l-Agrikoltura,bħala regola ġenerali, tissoġġetta l-għoti ta' rifużjonijiet, għal- liċenzja ta' l-esportazzjoni li tistabbilixxi minn qabel ir-rifużjonijiet, billi, b'dana kollu, konsenji fil-Komunità għall-organizzazzjonijiet internazzjonali u għall-forzi armati, konsenji għall-provista ta' l-ikel u l-esportazzjoni ta' kwantitajiet zgħar huma każijiet speċjali u ta' importanza ekonomika minuri, billi għall-dawk ir-raġunijiet, saret dispożizzjoni għall-sistema speċjali mingħajr liċenzja ta' l-esportazzjoni, sabiex jiġu ssimplifikati operazzjonijiet ta' l-esportazzjoni simili u biex ikun evitat li jkun hemm piż amministrattiv eċċessiv fuq l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet kompetenti;

(4) Billi, skond it-tifsira ta' dan ir-Regolament, il-ġurnata ta' l-esportazzjoni titqies bħala dik il-ġurnata meta l-awtoritajiet doganali jaċċettaw l-att li permezz tiegħu d-dikjarant juri l-volontà tiegħu li jattwa l-esportazzjoni tal-prodotti li għalihom jitlob il-benefiċċju ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni; billi tali att huwa intenzjonat li jiġbed l-attenzjoni, u b'mod partikolari l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana, għall-fatt li l-operazzjoni konċernata tkun qed issir bl-għajnuna ta' fondi tal-Komunità sabiex dawk l-awtoritajiet doganali jagħmlu l-verifikixierqa; billi fiż-żmien ta' l-aċċettazzjoni, il-prodotti jitpoġġew taħt is-superviżjoni tad-Dwana sakemm issir fil-fatt l-esportazzjoni; billi d-data sservi bħala referenza sabiex jiġu stabbiliti l-kwantità, in-natura u l-karatteristiċi tal-prodott esportat;

(5) Billi, fil-każ ta' konsenji fi kwantitajiet kbar jew f'unitajiet mhux standardizzati, huwa rikonoxxut li l-massa netta eżatta tal-prodotti tista' tkun magħrufa biss wara t-tagħbija fuq il-mezzi ta' trasport; billi, sabiex tiġi affrontata din is-sitwazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni sabiex tiġi ddikjarata massa provviżorja fuq id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni;

(6) Billi, sabiex jiġi applikat sewwa r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 386/90 tat-12 ta' Frar 1990 dwar is-sorveljanza mwettqa fil-waqt ta' l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli li jirċievu rifużjonijiet jew ammonti oħra ([6]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 163/94 ([7]), għandha ssir dispożizzjoni sabiex il-verifika ta' jekk id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni taqbilx mal-prodotti agrikoli ssir meta jitgħabba l-*container*, it-trakk, il-vapur jew *container* ieħor simili;

(7) Billi, meta l-esportazzjoni tinvolvi konsenji frekwenti ta' kwantitajiet żgħar, għandha ssir dispożizzjoni għall-proċedura ssimplifikata fir-rigward tal-jum relevanti li għandu jintuża għad-determinazzjoni tar-rata tar-rifużjonijiet;

(8) Billi, sabiex il-kunċett ta' "esportazzjoni mill-Komunità" jkun jista' jiġi interpretat konsistentement, għandu jiġi speċifikat li prodott jiġi meqjus bħala li jkun ġie esportat meta jitlaq mit-territorju doganali tal-Komunità;

([1]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
([2]) ĠU L 126, ta' l-24.5.1996, p. 37.
([3]) ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p.1.
([4]) ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p.1.
([5]) ĠU L 80, tat-18.3.1998, p. 19.
([6]) ĠU L 42, tas-16.2.1990, p. 6.
([7]) ĠU L 24, tad-29.1.1994, p. 2.

(9) Billi jista' jkun meħtieġ li l-esportatur jew min jittrasporta jieħu l-passi sabiex ma jħallix li ssir deterjorazzjoni tal-prodotti intenzjonati għall-esportazzjoni fil-perjodu tas- 60 ġurnata wara l-aċċettazzjoni taddikjarazzjoni u qabel it-tluq mit-territorju doganali tal-Komunità jew qabel il-wasla fid-destinazzjoni; billi l-iffriżar huwa pass ta' dan it-tip, li jagħmilha possibbli li l-prodotti jibqgħu intatti; billi sabiex jiġi osservat dan ir-rekwiżit, għandu jkun permissibbli li l-iffriżar isir fl-istess perjodu;

(10) Billi l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li l-prodotti li jħallu l-Komunità jew li qegħdin fi tranżitu lejn destinazzjoni partikolari huma fil-fatt dawk li għaddew mill-formalitajiet ta' l-esportazzjoni doganali; billi għal dan l-għan meta prodott jgħaddi mit-territoju ta' Stat Membru ieħor qabel ma jitlaq mit-territorju doganali tal-Komunità jew jilħaq id-destinazzjoni finali tiegħu, għandu jsir użu mill-kopja ta' kontroll T5 imsemmija fl-Artikoli 471 sa 495 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru. 502/1999 ([2]), billi madanakollu, jidher li huwa opportun, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura amministrattiva, li jiġu provduti arranġamenti iżjed flessibbli mill-użu tal-kopja ta' kontroll T5, fil-każ ta' tranżazzjonijiet taħt il-proċeduri ta' transitu simplifikat tal-Komunità għat-trasport permezz tal-ferrovija jew *containers* kbar permezz ta' l-Artikoli 412 sa 442 tar-Regolament (KE) Nru. 2454/93 li jistipula li meta l-operazzjoni ta' trasport tibda fil-Komunità u għandha tintemm barra minnha, m'hemmx għalfejn jiġu osservati formalitajiet fl-uffiċċju doganali ta' l-istazzjon tal-fruntiera;

(11) Billi f'ċerti każijiet tista' ssir talba għal rifużjonijiet dwar prodotti li jkunu ġew esportati u li jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità, iżda li jkunu ġew mibgħuta lura għall-iskop ta' trasbord jew operazzjoni ta' transitu qabel ma jaslu fid-destinazzjoni finali barra dak it-territorju; billi dan it-treġġiegħ lura jista' konċepibbilment iseħħ ukoll għal raġunijiet oħra barra minn ħtiġijiet ta' trasport, u b'mod iżjed partikolari għal skopijiet ta' spekulazzjoni; billi f'każijiet simili tiġi mnaqqsa l-osservanza tal-limitu ta' 60 ġurnata għat-tluq mit-territorju doganali tal-Komunità; billi, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili, hemm il-ħtieġa li jiġu definiti b'mod ċar il-kondizzjonijiet li taħthom jiġu mibgħuta lura;

(12) Billi l-arranġamenti pprovduti f'dan ir-Regolament jistgħu jiġu mogħtija biss għall-prodotti li qegħdin f'ċirkulazzjoni ħielsa u li huma, jekk hu xieraq, ta' oriġini Komunitarja; billi fil-każ ta' ċerti prodotti komposti r-rifużjonijiet jiġu ddeterminati mhux fuq il-bażi tal-prodott innifsu iżda b'referenza għall-prodotti bażiċi li minnu huma komposti; billi meta r-rifużjonijiet jiġu ddeterminati fuq il-bażi ta' wieħed jew iżjed komponenti, huwa suffiċjenti għall-għotja tar-rifużjonijiet jew il-parti relevanti ta' l-istess li l-komponent jew il-komponenti kkonċernati infushom jissodisfaw ir-rekwiżiti, jew li m'għadhomx jagħmlu ħekk biss minħabba li jkunu ġew inkorporati f'prodotti oħra; billi sabiex jiġi kkunsidrat l-istatus ta' ċerti komponenti, għandha tiġi mfassla lista ta' prodotti li għalihom ir-rifużjonijiet huma stabbiliti fuq il-bażi ta' komponent wieħed;

(13) Billi l-Artikoli 23 sa 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), jiddefinixxu l-oriġini mhux preferenzjali tal-prodotti; billi għall-iskop ta' l-għoti ta'rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, huma biss prodotti ottenuti kompletament jew ipproċessati sostanzjalment fil-Komunità li jigu meqjusa bħala li oriġinaw fil-Komunità; billi huwa xieraq li jiġi kjarifikat, sabiex ikun hemm applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha, li ċertu taħlit ta' prodotti ma jikkwalifikax għar-rifużjoni.

(14) Billi r-rata ta' rifużjonijiet hija ddeterminata millklassifikazzjoni tat-tariffa ta' prodott, billi l-klassifikazzjoni tista', għal ċerti taħlit, prodotti magħmula f'settijiet u prodotti komposti, tirriżulta fl-għotita' rifużjonijiet għola milli jkun ekonomikament iġġustifikat; billi huwa għaldaqstant meħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet speċjali għad-determinazzjoni tar-rifużjonijiet applikabbli għat-taħlitiet, prodotti magħmula f'settijiet u prodotti komposti;

(15) Billi, meta r-rata tar-rifużjoni tvarja skond id-destinazzjoni tal-prodott, għandha ssir dispożizzjoni għallverifika li l-prodott ikun ġie importat fil-pajjiż jew pajjiżi terzi li għalihom ikunu ġew iddeterminati r-rifużjonijiet; billi miżura bħal dik tista' tiġi llaxkata minħajr diffikultà fir-rigward ta' prodotti esportati meta r-rifużjonijiet involuti huma żgħar u t-tranżazzjoni tkun tali li toffri ċertezzi adegwati li l-prodotti kkonċernati jaslu fiddestinazzjoni tagħhom, billi l-għan tad-dispożizzjoni huwa li tissimplifika x-xogħol amministrattiv involut fissottomissjoni tax-xhieda;

([1]) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
([2]) ĠU L 65, tat-12.3.1999, p.1.
([3]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
([4]) ĠU L 17, tal-21.1.1997, p.1.

(16) Billi, meta rata waħda ta' rifużjonijiet tapplika għad-destinazzjonijiet kollha fil-ġurnata meta r-rifużjonijiet jiġu ddeterminati minn qabel, f'ċerti każijiet hemm klawsola ta' destinazzjoni mandatorja; billi din is-sitwazzjoni għandha tkun ittrattata bħala varjazzjoni tar-rifużjonijiet meta r-rata tar-rifużjonijiet applikabbli fil-ġurnata meta ssir l-esportazzjoni hija inqas mir-rata tar-rifużjonijiet applikabbli fil-ġurnata meta tiġi determinata bil-quddiem, aġġustata fejn xieraq għall-ġurnata meta sseħħ l-esportazzjoni;

(17) Billi, meta r-rata ta' rifużjonijiet hija ddifferenzjata skond id-destinazzjoni tal-prodotti esportati, għandha tingħata prova li l-prodott ikkonċernat ikun ġie importat f'pajjiż terz; billi t-tkomplija tal-formalitajiet doganali ta' l-importazzjoni tikkonsisti prinċipalment fil-pagament tad-dazji ta' l-importazzjoni applikabbli sabiex prodott jiġi promoss fil-pajjiż terz ikkonċernat; billi jekk tiġi kkunsidrata d-diversità tas-sitwazzjonijiet prevalenti fil-pajjiżi terzi li jimpurtaw, huwa għaqli li tiġi aċċettata l-produzzjoni ta' dokumenti doganali ta' l-importazzjoni li jagħtu assigurazzjonijiet li l-prodotti esportati jkunu waslu fid-destinazzjoni tagħhom, waqt li jostakolaw il-kummerċ mill-inqas possibbli;

(18) Billi, sabiex l-esportaturi tal-Komunità jiġu mgħejuna sabiex jakkwistaw prova tal-wasla fid-destinazzjoni, għandu jiġi pprovdut li aġenziji internazzjonali ta' kontroll u superviżjoni approvati mill-Istati Membri għandhom jagħtu ċertifikazzjoni tal-wasla għall-prodotti agrikoli esportati tal-Komunità li jibbenefikaw minn rifużjonijiet differenzjati; billi l-approvazzjoni ta' dawn l-aġenziji hija r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jagħtu l-approvazzjoni tagħhom każ b'każ, skond ċerti linji ta' gwida eżistenti; billi huwa xieraq li tiġi kjarifikata s-sitwazzjoni u jiġu integrati l-linji ta' gwida prinċipali f'dan ir-Regolament;

(19) Billi, sabiex l-esportazzjoni ta' prodotti li jgawdu rifużjonijiet varjabbli, skond id-destinazzjoni, titpoġġa fuq l-istess livell ta' prodotti oħra, għandha ssir dispożizzjoni sabiex parti mir-rifużjonijiet, ikkalkulati fuq il-bażi ta' l-inqas rata ta' rifużjonijiet applikabbli fil-ġurnata li fiha ssir l-esportazzjoni, titħallas malli l-esportatur ikun ġab prova li l-prodott ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità;

(20) Billi fil-każ ta' rifużjonijiet differenzjati, jekk ikun hemm bidla fid-destinazzjoni, huma pagabbli r-rifużjonijiet applikabbli għad-destinazzjoni reali, soġġett għall-massimu tal-livell ta' l-ammonti applikabbli għad-destinazzjoni stabbilitaminn qabel, billi sabiex jiġi evitat l-abbuż meta destinazzjonijiet bl-ogħla rata ta' r-rifużjonijiet jintagħżlu sistematikament, għandha tiġi introdotta sistema ta' penalitajiet għall-bdil tad-destinazzjoni meta r-rata ta' rifużjonijiet attwali hija anqas mir-rata tad-destinazzjoni li tkun stabbilita minn qabel; billi din id-dispożizzjoni ġdida għandha konsegwenzi għall-kalkolu tal-parti tar-rifużjonijiet pagabbli ladarba l-esportatur jagħti prova li l-prodott ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità;

(21) Billi l-Artikoli 23 sa 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jiddefinixxu l-oriġini mhux preferenzjali tal-merkanzija; billi huwa xieraq f'ċerti każijiet li jiġi applikat il-kriterju li jkopri l-ipproċessar jew xogħol sostanzjali stipulat fl-Artikolu 24 sabiex jiġi valutat jekk il-prodotti jkunux attwalment waslu fid-destinazzjoni tagħhom;

(22) Billi ċerti transazzjonijiet ta' l-esportazzjoni jistgħu jwasslu għal devjazzjonijiet tal-kummerċ; billi, sabiex jiġu evitati tali devjazzjonijiet, il-pagament ta' rifużjonijiet għandu jkun soġġett għall-kondizzjoni li l-prodott mhux biss ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità izda jkun ukoll ġie importat f'pajjiż terz jew ikun għadda minn ipproċessar jew minn xogħol sostanzjali; billi, barra minn hekk, il-pagament tar-rifużjonijiet jista', f'ċerti każijiet, ikun soġġett għall-fatt li l-prodott ikun realment tpoġġa fuq is-suq fil-pajjiż terz li jimporta jew għall-fatt li jkun għadda minn ipproċessar jew minn xogħol sostanzjali;

(23) Billi jekk prodott ikun inqered jew tkun ġratlu l-ħsara qabel ma jitpoġġa fuq is-suq f'pajjiż terz jew jgħaddi minn ipproċessar sostanzjali r-rifużjonijiet ikunu kkonsidrati bħala mhux dovuti; billi f'tali każ l-esportatur għandu jkollu l-opportunità li jissottometti evidenza li turi li l-operazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun saret f'kondizzjonijiet ekonomiċi tali li kienu jippermettu li t-transazzjoni ssir ukoll normalment;

(24) Billi l-finanzjament tal-Komunità ta' l-operazzjonijiet ta' l-esportazzjoni mhux iġġustifikati meta l-operazzjoni mhix transazzjoni normali kummerċjali, għaliex m'għandhiex skop ekonomiku reali u tiġi effetwata biss sabiex jiġi akwistat il-pagament mill-Komunità;

(25) Billi għandhom jittieħdu passi biex jiġi evitat li l-fondi Komunitarji jiġu allokati għal transazzjonijiet li ma jikkorrispondux għal xi oġġettiv fis-sistema ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni; billi dan ir-riskju jeżisiti għal prodotti li jiġbdu rifużjonijiet għall-esportazzjoni li sussegwentement ikunu importati lura fil-Komunità mingħajr ma jkunu għaddew minn ipproċessar jew xogħol sostanzjali f'pajjiż terz u fuqhom jitħallas dazju mnaqqas jew b'rata żero minflok ir-rata normali meta jiġu importati lura fil-Komunità, skond ftehim preferenzjali jew deċiżjoni tal-Kunsill; billi huwa xieraq, sabiex jiġu llimitati restrizzjonijiet fuq l-esportaturi, li jiġu applikati tali miżuri għal iżjed prodotti sensittivi;

(26) Billi huwa xieraq, sabiex tiġi llimitata l-inċertezza fost l-esportaturi, li jitneħħa r-rekwiżit rigward il-pagament mill-gdid tar-rifużjonijiet, kull darba li l-prodott jiġi importat lura fil-Komunità iżjed minn sentejn wara l-esportazzjoni;

(27) Billi minn-naħa l-waħda, l-Istati Membri għandhom jingħataw permess li jirrifjutaw li jagħtu rifużjonijiet, jew li jkunu jistgħu jirkuprawhom; f'każijiet flagranti fejn jinnotaw li t-transazzjoni ma tkunx skond l-għan tas-sistema ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni u, minn-naħa l-oħra, l-ebda piż eċċessiv m'għandu jitpoġġa fuq l-awtoritajiet nazzjonali permezz ta' obbligu sistematiku li jivverifikaw il-prodotti importati kollha;

(28) Billi l-prodotti għandhom ikunu ta' kwalità tali li jkunu jistgħu jiġu promossi fuq is–suq skond it-termini normali fil-Komunità; billi huwa xieraq, madanakollu, li jittieħdu in konsiderazzjoni obbligi speċifiċi li joħorġu mill-*istandards* li hemm fis-seħħ fil-pajjiżi terzi tad-destinazzjoni;

(29) Billi ċerti prodotti jistgħu jitilfu l-intitolament tagħhom għar-rifużjonijiet meta ma jibqgħux ta' kwalità tajba u ġusta għall-promozzjoni fuq is-suq;

(30) Billi l-ebda dazju ta' l-esportazzjoni ma japplika meta r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni jkunu ġew stabbiliti minn qabel jew iddeterminati b'offerta, billi l-esportazzjoni għandha ssir skond il-kondizzjonijiet stabbiliti minn qabel jew iddeterminati b'offerta, billi, bl-istess mod, għandu jiġi pprovdut li meta prodott li jkun se jiġi esportat huwa soġġett għal dazju ta' l-esportazzjoni stabbilit bil-quddiem jew iddeterminat b'offerta, l-esportazzjoni għandha ssir taħt il-kondizzjonijiet imsemmija u għalhekk ma tistax tikkwalifika għal rifużjonijiet għall-esportazzjoni;

(31) Billi, sabiex jgħin lill-esportaturi jiffinanzjaw it-transazzjonijiet tagħhom iżjed faċilment, l-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati li joħorġu l-ammont sħiħ, jew parti, mir-rifużjonijiet malli tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' pagament, soġġett għall-għotja ta' garanzija biex jiġi ggarantit il-pagament lura ta' l-ammont maħruġ jekk jinstab aktar tard li r-rifużjonijiet ma kellhomx jitħallsu;

(32) Billi l-ħlas lura ta' l-ammont imħallas qabel l-esportazzjoni għandu jiġi mħallas lura jekk jiġi ppruvat li ma hemmx dritt għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni jew jekk kien hemm dritt għar-rifużjonijiet iżgħar; billi l-ħlas lura għandu jinkludi ammont addizzjonali sabiex jiġu evitati l-abbużi; billi fil-każ ta' force majeure l-ammont addizzjonali ma jiġiximħallas lura;

(33) Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 [1], kif emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2026/83 [2], jistipula regoli ġenerali sabiex jitħallas, qabel l-esportazzjoni, ammont ugwali għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni;

(34) Billi l-Artikoli 4(5) u (6) tar-Regolament (KEE) Nru 565/80 jistipula li l-ġurnata li fiha l-prodotti bażiċi jingiebu taħt il-kontroll doganali għandha tiġi użata biex tiġi determinata r-rata ta' rifużjonijiet applikabbli jew, l-aġġustamenti li għandhom isiru għal dik ir-rata;

(35) Billi d-data operattiva għandha għaldaqstant tkun il-ġurnata meta l-awtoritajiet doganali jaċċettaw id-dikjarazzjoni mill-persuna kkonċernata, li fiha jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jpoġġi l-prodotti jew il-beni kkonċernati taħt l-arranġamenti pprovduti fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80, u biex jesportahom, b'rifużjonijiet, wara l-ipproċessar jew ħażna; billi dik id-dikjarazzjoni għandha tinkludi d-dettalji partikolari għall-kalkolazzjoni tar-rifużjonijiet;

(36) Billi l-għan li r-rifużjonijiet jitħallsu qabel ma jsir l-ipproċessar huwa biex ipoġġi l-prodotti tal-Komunità fuq l-istess livell ma prodotti importati minn pajjiżi mhux membri għall-ipproċessar u l-esportazzjoni mill-ġdid;

(37) Billi l-metodi ta' produzzjoni għall-prodotti pproċessati u l-proċeduri ta' kontroll tagħhom jeħtieġu grad ta' flessibbiltà; billi l-Artikolu 115 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jipprovdi għal sistema ta' ekwivalenza taħt l-arranġamenti interni ta' l-ipproċessar;

[1] ĠU L 62, tas-7.3.1980, p. 5.
[2] ĠU L 199, tat-22.7.1983, p. 12.

(38) Billi sabiex ikun permissibbli l-użu iżjed effiċjenti tal-kapaċità ta' ħażna eżistenti, huwa xieraq li tiġi pprovduta sistema li permezz tagħha l-ekwivalenza tista' tiġi awtorizzata għall-prodotti maħżuna fi kwantitajiet kbar u li għandhom jiġu esportati wara l-ipproċessar;

(39) Billi prodotti li mhumiex eliġibbli għall-ħlas lura ma jistgħux ikunu prodotti ekwivalenti;

(40) Billi huwa ċar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3002/92 tas-16 ta' Ottubru 1992 li jistipula regoli dettaljati komuni għall-ivverifikar ta' l-użu u/jew id-destinazzjoni ta' prodotti mill-intervenzjoni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 770/96 [2], li prodotti ta' intervenzjoni għandhom jaslu sad-destinazzjoni preskritta; billi, bħala riżultat, tali prodotti ma jistgħux jiġu sostitwiti bi prodotti ekwivalenti;

(41) Billi limitu ta' żmien għandu jiġi stipulat għall-esportazzjoni tal-prodotti kkonċernati; billi dak il-limitu ta' żmien għandu jiġi stipulat billi tittieħed in konsiderazzjoni s-sistema ta' liċenzji ta' l-esportazzjoni u ċ-ċertifikati ta' ffissar minn qabel;

(42) Billi, fejn l-esportazzjoni tkun ippreċeduta b'ħażna, jidher li huwa xieraq li dan ir-Regolament jiġi ristrett għall-dawk il-forom ta' maniġġar intenzjonati li jassiguraw il-preservazzjoni tal-merkanzija konċernata; billi, sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni, għandu jiġi stipulat li tali forom ta' maniġġar ma jaffetwaw bl-ebda mod ir-rifużjonijiet li għandhom jiġu applikati;

(43) Billi l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80 jistipula li l-ammont ugwali għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għandu jitħallas malli l-prodotti jew il-merkanzija jkunu nġiebu taħt il-proċedura ta' magażżinaġġ tad-dwana jew il-proċedura taż-żonaħielsa; billi meta d-dikjarazzjoni ta' pagament tkun ġiet aċċettata, għandu jkun possibbli li tali prodotti jew merkanzija jiġu trasportati lejn Stat Membru ieħor li mhux dak li fih isir il-pagament għall-ħażna u l-esportazzjoni sussegwenti; billi għandha ssir dispożizzjoni sabiex kopja ta' kontroll T5 takkumpanja l-prodotti jew merkanzija sabiex tforni prova ta' tluq mill-Komunità; billi, sabiex jiġu evitati r-riskji ta' pagament doppju, id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandha tiġi kkonfermata b'ċerti kitbiet li jinfurmaw l-aġenzija li tagħmel il-pagament fl-Istat Membru meta d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun aċċettata li l-proċedura għall-ħlas tar-rifużjonijiet tkun diġà nbdiet;

(44) Billi l-ebda rifużjonijiet ma jingħataw jekk il-limitu taż-żmien għall-esportazzjoni jew għas-sottomissjoni tal-prova meħtieġa għall-kisba tal-pagament tar-rifużjonijiet ma jiġix osservat; billi għandhom jiġu adottati miżuri simili għall-dawk misjuba fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistipula regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' garanziji għall-prodotti agrikoli [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3403/93 [4];

(45) Billi fl-Istati Membri l-prodotti importati minn pajjiżi mhux membri għall-ċertu użu huma eżentati mid-dazji; billi, sakemm dak il-ħruġ huwa sostanzjali, prodotti Komunitarji għandhom jitpoġġew fuq l-istess livell ma' prodotti minn pajjiżi mhux membri; billi din is-sitwazzjoni tidher partikolarment fil-każ ta' prodotti użati fil-fornitura ta' vapuri u ajruplani;

(46) Billi fil-każ ta' vapuri u ajruplani l-forniturи u l-konsenji lill-forzi armati huwa possibbli li jiġu stipulati regoli speċjali sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tar-rifużjonijiet;

(47) Billi l-prodotti li jittieħdu abbord il-vapuri bħala provvisti li jkunu użati għall-konsum abbord; billi, dawn il-prodotti, ikkunsmati kif ikunu jew użati fil-preparazzjoni tal-provvisti abbord, jikkwalifikaw għar-rifużjonijiet applikabbli għall-prodotti mhux ipproċessati; billi, minħabba l-ispazju llimitat għad-dispożizzjoni fuq l-ajruplani, l-ikel irid jiġi ppreparat qabel ma jittieħed abbord; billi minħabba l-armonizzazzjoni, għandhom jiġu adottati regoli li jippermettu li jingħataw l-istess rifużjonijiet fuq il-prodotti agrikoli kkunsmati abbord l-ajruplani bħal dawk li jingħataw għal dawk li jkunu kkunsmati wara l-preparazzjoni abbord vapur;

(48) Billi n-negozju tal-konsenja ta' forniturи tal-vapuri u l-ajruplani huwa negozju speċjalizzat ħafna, li jeħtieġ arrangamenti speċjali għall-ħruġtar-rifużjonijiet; billi l-prodotti u l-merkanzija kkonsenjati lill-imħażen tal-provvisti ta' l-ikel għandhom sussegwentement jiġu kkonsenjati għall-provvisti ta' l-ikel; billi konsenji lejn it-tali mħażen ma jistgħux jiġu ttrattati bħala esportazzjoni finali għall-iskopijiet ta' l-intitolament għar-rifużjonijiet;

[1] ĠU L 301, tas-17.10.1992, p. 17.
[2] ĠU L 104, tas-27.4.1996, p. 13.
[3] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.
[4] ĠU L 310, ta' l-14.12.1993, p. 4.

(49) Billi, jekk isir użu minn dawn il-faċilitajiet u wara jsir magħruf li r-rifużjonijiet ma kellhomx jitħallsu, l-esportaturi jkunu fil-fatt ħadu l-benefiċċju inġust ta' self mingħajr imgħax; billi għaldaqstant għandhom jittieħdu miżuri biex jipprekludu dan il-benefiċċju mhux mixtieq;

(50) Billi sabiex tinżamm l-kompetittività tal-prodotti tal-Komunità forniti lejn il-pjattaformi f'ċerti żoni qrib l-Istati Membri, rifużjonijiet għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni bir-rata applikabbli għall-provvisti fil-Komunità; billi l-pagament ta' rata ta' rifużjonijiet għola mill-inqas applikabbli għall-konsenji lejn destinazzjoni partikolari ma tista' qatt tiġi ġġustifikata sakemm ma jkun hemm l-ebda dubju li l-oġġetti jkunu waslu f'dik id-destinazzjoni; billi l-konsenja ta' fornituri lejn il-pjattaformi f'żoni marittimi iżolati hija neċessarjament ħidma speċjalizzata b'mod li jkun possibbli li jiġi eżerċitat kontroll suffiċjenti fuq il-konsenji; billi suġġett għall-ispeċifikazzjoni ta' miżuri ta' kontroll adekwati jidher li huwa raġonevoli li tiġi applikata għall-konsenji r-rata ta' rifużjonijiet għall-provisti fil-Komunità; billi huwa possibbli li tiġi pprovduta sistema ssimplifikata għall-konsenji ta' importanza iżgħar: billi, peress li t-tul ta' l-ibħra territorjali jvarja bejn l-Istati Membri bejn 3 u 12-il mil, ikun ukoll raġonevoli li l-konsenji kollha lejn tali pjattaformi lil hinn mill-limitu ta' tliet mili; jiġu konsiderati bħala esportazzjoni

(51) Billi, meta bastimenti navali ta' xi wieħed mill-Istati Membri jingħataw provisti fl-ibħra miftuħa minn vapur ta' fornitura navali li jopera minn port Komunitarju, huwa possibbli li tinkiseb ċertifikazzjoni ta' dik il-konsenja minn awtorità kompetenti; billi jkun raġonevoli li għal tali konsenji tiġi applikata l-istess rata ta' rifużjonijiet li tapplika għall-għotja ta' provisti f'port Komunitaru;

(52) Billi jkun aħjar jekk il-prodotti agrikoli użati għall-fornitura ta' vapuri u ajruplani għandhom jikkwalifikaw għar-rifużjonijiet identiċi kemm jekk jittieħdu abbord vapur jew ajruplan fi ħdan il-Komunità jew barra;

(53) Billi l-konsenji ta' tali fornituri f'pajjiżi terzi jistgħu jkunu diretti jew indiretti; billi metodi ta' superviżjoni xierqa għal kull tip ta' konsenja għandhom jiġu introdotti;

(54) Billi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 161(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 il-ġżira ta' Heligoland ma tikkwalifikax bħala destinazzjoni li fir-rigward tagħha jistgħu jingħataw rifużjonijiet; billi l-konsum ta' prodotti agrikoli mill-Komunità fil-ġżira ta' Heligoland għandu jkun inkorraġġit; billi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għandhom jiġu adottati għal dan l-għan;

(55) Billi wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Proviżorju dwar il-kummerċ u l-għaqda doganali bejn il-Komunità u San Marino [1] t-territorju ta' dak l-Istat m'għadux jifforma parti mit-territorju doganali tal-Komunità, billi jsegwi mill-Artikoli 1, 5 u 7 ta' dak il-Ftehim li l-prezzijiet għall-prodotti agrikoli huma fl-istess livell fi ħdan l-unjoni doganali u għalhekk m'hemmx ġustifikazzjoni ekonomika għall-għotja ta' rifużjonijiet fuq prodotti agrikoli Komunitarji konsenjati lil San Marino;

(56) Billi, jekk applikazzjoni għall-pagament lura jew maħfra tal-ħlas ta'dazji tiġi sussegwentement irrifjutata, il-prodotti kkonċernati jistgħu jkunu eliġibbli għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni jew ikunu suġġetti, skond il-każ, għaldazju ta' l-esportazzjoni jew ħlas ta' l-esportazzjoni; billi konsegwentement, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti dispożizzjonijiet speċjali;

(57) Billi, ġeneralment, forzi armati stazzjonati f'pajjiż mhux membru li ma jaqgħux taħt il-kmand ta' dak il-pajjiż, organizzazzjonijiet internazzjonali u korpi diplomatiċi stabbiliti f'pajjiż terz jakkwistaw l-provvisti tagħhom mingħajr dazju ta' l-importazzjoni; billi jidher li huwa possibbli li jittieħdu miżuri speċifiċi - fir-rigward ta' forzi armati li huma taħt il-kmand jew ta' Stat Membru jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tagħha mill-inqas wieħed mill-Istati Membri huwa membru, fir-rigward ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li tagħhom mill-inqas Stat Membru wieħed huwa membru u fir-rigward ta' korpi diplomatiċi - li jipprovdu li l-prova ta' l-importazzjoni għandha tingħata permezz ta' dokument speċjali;

(58) Billi għandha tiġi introdotta dispożizzjoni li permezz tagħha r-rifużjonijiet għandhom jitħallsu mill-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu tkun ġiet aċċettata d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni;

(59) Billi jista' jiġri li minħabba ċirkustanzi mhux taħt il-kontroll ta' l-esportatur il-kopja tal-kontroll T5 ma tkunx tista' tiġi prodotta anki jekk il-prodott ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità jew ikun wasal f'destinazzjoni partikolari; billi tali sitwazzjoni tista' timpedixxi l-kummerċ; billi f'tali ċirkostanzi dokumenti oħrajn għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala ekwivalenti;

(60) Billi fl-interess ta' prattika amministrattiva b'saħħitha, applikazzjonijiet għall-ħlas tar-rifużjonijiet, akkumpanjati mid-dokumenti kollha relevanti, għandhom jiġu mitluba fi żmien raġonevoli, ħlief f'każi ta' u b'mod partikolari meta ma kienx possibbli li jiġi osservat il-limitu taż-żmien minħabba dewmien amministrattiv mhux taħt il-kontroll ta' l-esportatur;

[1] ĠU L 359, tad-9.12.1992, p. 13.

(61) Billi l-perjodu li fih isir il-ħlas tar-rifużjonijiet għall-esportazzjoni jvarja minn Stat Membru għall-ieħor, billi huwa rakkomandabbli, sabiex tiġi evitata d-deformazzjoni tal- kompetizzjoni, li jkun introdott perjodu massimu uniformi għall-ħlas ta'dawn ir-rifużjonijiet mill-aġenziji ta' pagament;

(62) Billi l-esportazzjoni ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti li ma jkunux ta' sinifikat ekonomiku u jistgħu iwasslu sabiex jiżdiedu l-problemi għall-awtoritajiet kompetenti mingħajr bżonn; billi s-servizzi kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jingħataw l-alternattiva li jirrifjutaw li jħallsu r-rifużjonijiet rigward tali esportazzjoni;

(63) Billi r-regoli tal-Komunità jipprovdu għall-għoti ta' rifużjonijiet fuq il-bażi unika ta' kriterji oġġettivi, b'mod partikolari dwar il-kwantità, in-natura u l-karatteristiċi tal-prodott esportat, u d-destinazzjoni ġeografika tagħha; billi, fid-dawl ta' l-esperjenza, miżuri kontra l-irregolaritajiet u partikolarment frodi li jagħmlu ħsara lill-finanzi tal-Komunità għandhom jiġu intensifikati; billi, għal dak l-għan, għandha ssir dispożizzjoni għall-ġbir lura ta' l-ammonti mħallsa żejda u sanzjonijjiet biex iħajru lill-esportaturi josservaw ir-regoli tal-Komunità;

(64) Billi, sabiex jiġi assigurat li s-sistema ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni taħdem tajjeb, għandhom jiġu applikati sanzjonijiet irrispettivament mis-suġġettività tal-ħtija; billi huwa madanakollu xieraq li ma jiġuxapplikatis-sanzjonijiet f'ċertu każijiet, u b'mod partikolari fejn hemm żball ovvju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti; u li jiġu pprovduti sanzjonijiet iżjed iebsa fil-każ fejn ikun hemm każijiet ta' intenzjoni billi dawk il-miżuri huma neċessarji, u għandhom ikunu proporzjonati, suffiċjentement diswassivi u applikati b'mod uniformi fost l-Istati Membri;

(65) Billi, sabiex ikun assigurat trattament egwali ta' l-esportaturi fl-Istati Membri, għandha ssir dispożizzjoni speċifika, f'dak li jikkonċernar-rifużjonijiet għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe ammont żejjed li jkun ġie mħallas sabiex jiġi rimborżat bl-imgħax mill-benefiċċjarju, u għandha tiġi stipulata l-proċedura għall-ħlas; billi, sabiex l-interess finanzjarju tal-Komunità jkun protett aħjar, għandha ssir dispożizzjoni meta d-dritt għar-rifużjonijiet jkun ittrasferit, sabiex dik l-obbligazzjoni tiġi estiża lil min ikun qed isirlu t-trasferiment; billi somom u mgħaxijiet miġbura mill-ġdid, u s-sanzjonijiet miġbura, għandhom jiġu kkreditati lill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) skond il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [1] kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1287/95 [2];

(66) Billi, sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi fil-Komunità kollha, tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi meta ammonti li jkunu tħallsu żejda jiġu rkuprati, il-kondizzjonijiet li taħthom jista' jiġi invokat dak il-prinċipju għandhom jiġu stipulati mingħajr preġudizzju għat-trattament ta' spejjeż irregolari kif ipprovdut, b'mod partikolari, fl-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 729/70;

(67) Billi l-esportatur għandu jkun responsabbli b'mod partikolari għall-atti ta' terzi li jkunu jistgħu jagħmluha possibbli li d-dokumenti meħtieġa għall-ħlas tar-rifużjonijiet jiġu ottenuti irregolarment;

(68) Billi l-kumitati ta'gestjoni kkonċernati ma tawx l-opinjonijiet tagħhom fiż-żmien stipulat mill-presidenti tagħhom;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU 1

IL-QASAM TA' L-APPLIKAZZJONI U D-DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-derogi stabbiliti fir-regolamenti tal-Komunità speċifiċi għal ċerti prodotti, dan ir-Regolament jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta'rifużjonijiet għall-esportazzjoni, hawn taħt imsemmija "rifużjonijiet",stabbli:

— fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE [3] (żjut u xaħmijiet).

— fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 [4] (ħalib u prodotti tal-ħalib).

— fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 [5] (ċanga u vitella).

[1] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.
[2] ĠU L 125, tat-8.6.1995, p. 1.
[3] ĠU L 172, tat-30.09.1996, p. 3025/66.
[4] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[5] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.

— fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 [1] (laħam tal-majjal).

— fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 [2] (bajd).

— fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 [3] (laħam tat-tjur).

— fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru1785/81 [4] (zokkor, *isoglucose* u ġulepp ta' l-inulina).

— fl-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 [5] (inbid).

— fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1966/92 (ċereali).

— fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3072/95 [6] (ross).

— fl-Artikolu 35 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2200/96 [7] (frott u ħxejjex).

— fl-Artikoli 16, 17 u 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2201/96 [8] (prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex).

Artikolu 2

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) — "prodotti" tfisser il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, u oġġetti,

— "prodotti bażiċi" tfisser prodotti intenzjonati għall-esportazzjoni wara li jkunu ġew ipproċessati fi prodotti pproċessati jew f'oġġetti; oġġetti intenzjonati għall-esportazzjoni wara l-ipproċessar għandhom jitqiesu wkoll bħala prodotti bażiċi,

— "prodotti pproċessati" tfisser prodotti ottenuti mill-ipproċessar ta' prodotti bażiċi u li dwarhom huma pagabbli ħlasijiet lura.

— "oġġetti" tfisser l-oġġetti elenkati fl-Anness B għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1222/94 [9];

(b) "dazji ta' l-importazzjoni" tfisser dazji doganali, piżijiet li għandhom effett ekwivalenti u piżijiet oħra ta' l-importazzjoni stabbiliti fil-politika agrikola komuni jew taħt arranġamenti kummerċjali speċifiċi applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli;

(ċ) "Stat Membru ta' l-esportazzjoni" tfisser l-Istat Membru li fih id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tiġi aċċettata;

(d) "iffissar minn qabel tar-rifużjonijiet" ifisser l-iffissar tar-rifużjonijiet fil-ġurnata tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għal liċenzja ta' l-esportazzjoni jew ċertifikat ta' iffissar minn qabel, ir-rata tkun aġġustata bi kwalunkwe żieda jew ammont korrettiv applikabbli għall-ħlas lura;

(e) "rifużjonijiet iddifferenzjati" tfisser:

— izjed minn rata waħda ta' rifużjonijiet tkun iffissata għall-istess prodott skond il-pajjiż terz tad-destinazzjoni, jew

— rata waħda jew iżjed minn waħda ta' rifużjonijiet ikunu ffissati għall-istess prodott, skond il-pajjiż terz tad-destinazzjoni, bl-ebda rata ma tkun iffissata għal wieħed jew iżjed pajjiżi terzi;

(f) "parti ddifferenzjata tar-rifużjonijiet" tfisser dik il-parti tar-rifużjonijiet miġjuba meta titnaqqas dik il-parti tar-rifużjonijiet imħallsa jew li għandha titħallas fuq il-bażi ta' prova ta' ħruġ mit-territorju doganali tal-Komunità kkalkolati skond l-Artikolu 18 mill-ammont totali ta' rifużjonijiet applikabbli,;

(g) "esportazzjoni" tfisser tlestija tal-formalitajiet doganali ta' l-esportazzjoni segwiti bil-ħruġ tal-prodotti mit-territorju doganali tal-Komunità;

(h) "kopja ta' kontroll T5" tfisser id-dokument msemmi fl-Artikoli 471 sa 495 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93;

(i) "esportatur" tfisser il-persuna legali jew naturali intitolata għar-rifużjonijiet. Meta liċenzja ta' l-esportazzjoni b'iffissar minn qabel tar-rifużjoni għandha jew tista' tiġi użata, id-detentur jew, fejn hu xieraq, il-persuna li lilha tkun ġiet trasferita l-liċenzja għandu jkun intitolat għal rifużjonijiet. L-esportatur għall-għanijiet doganali jista' jkun differenti mill-esportatur skond id-definizzjoni ta' dan ir-Regolament, minħabba r-relazzjoni bejn operaturi ekonomiċi taħt il-liġi privata, ħlief meta jingħad mod ieħor fid-dispożizzjonijiet speċjali adottati permezz ta' ċerti organizzazzjonijiet tas-suq komuni;

(j) "avvanz fuq ir-rifużjonijiet" tfisser ammont egwali sa massimu tar-rifużjonijiet mħallsa mill-mument ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni;

(k) "finanzjament minn qabel tar-rifużjonijiet" tfisser avvanzi fuq ir-rifużjonijiet meta l-oġġetti jkunu pproċessati jew maħżuna qabel l-esportazzjoni, skond ir-Regolament (KEE) Nru 565/80;

(l) "rata tar-rifużjonijiet determinata b'sejħa għall-offerti" tfisser ir-rifużjonijiet ikkwotat mill-esportatur u aċċettati permezz ta' sejħa għall-offerti;

(m) "territorju doganali tal-Komunità" tfisser it-territorji msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92;

(n) "nomenklatura tar-rifużjonijiet" tfisser in-nomenklatura tal-prodott agrikolu għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 [10];

(o) "liċenzja ta' l-esportazzjoni" tfisser id-dokument imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 [11].

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p.1.
[2] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
[3] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
[4] ĠU L 177, ta' l-1.7.1987, p. 1.
[5] ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1.
[6] ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18.
[7] ĠU L 297, tal-21.11.1996, p.1.
[8] ĠU 297, tal-21.11.1996, p. 29.
[9] ĠU L 136, tal-31.5.1994, p. 5.
[10] ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, p. 1.
[11] ĠU L 331, tal-21.12.1988, p. 1.

2. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, ir-rifużjonijiet ddeterminati b'sejħa għall-offerti huma meqjusa bħala rifużjonijiet iffissati bil-quddiem.

3. Meta dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkopri diversi kodiċi tan-nomenklatura ta' rifużjonijiet differenti jew kodiċi ta' NomenklaturaMiġbura, ir-reġistrazzjoni li tirrigwardja kull kodiċi għandhom jitqiesu bħala dikjarazzjonijiet separati;

TITOLU II

ESPORTAZZJONI LEJN PAJJIŻI TERZI

KAPITOLU 1

Intitolament għar-rifużjonijiet

Sezzjoni 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 3

Mingħajr preġudizju għall-Artikoli 18, 20, 21 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2988/95 [1], l-intitolament għar-rifużjonijiet jiġi akkwistat:

— mat-tluq mit-territorji doganali tal-Komunità, meta rata waħda ta' rifużjonijiet tapplika għall-pajjiżi terzi kollha;

— ma' l-importazzjoni f'pajjiż terz speċifiku, meta r-rifużjonijiet differenzjati japplikaw għal dak il-pajjiz terz.

Artikolu 4

1. L-intitolament għar-rifużjoni jiddependi fuq il-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni ma' l-iffissar minn qabel tar-rifużjoni, ħlief fil-każ ta' l-esportazzjoni ta' l-oġġetti u l-għajnuna ta' ikel internazzjonali skond id-definizzjoni ta' l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj dwar l-Agrikoltura.

Madanakollu, l-ebda liċenzja ma hija meħtieġa biextinkiseb rifużjoni:

— meta r-rifużjoni għal kull-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni ma teċċedix EUR 60,

— fil-każijiet koperti mill-Artikoli 6, 36, 40, 44 u 45 u l-Artikolu 46(1).

— għall-konenji lill-forzi armati ta' l-Istati Membri stazzjonati f'pajjiżi terzi.

2. Minkejja l-paragrafu 1, liċenzja ta' l-esportazzjoni bl-iffissar minn qabel tar-rifużjoni għandha tkun valida wkoll għall-esportazzjoni ta' prodott kopert minn kodiċi tal-prodott ta' 12-il-ċifra barra dak indikat fil-kaxxa 16 tal-liċenzja jekk iżżewġ prodotti jappartjenu:

— għall-istess kategorija msemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13a tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, jew

— għall-istess grupp ta' prodotti, dejjem jekk tali gruppi ta' prodotti jkunu ġew definiti għal dan l-iskop skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 jew l-Artikoli korrispondenti tar-regolamenti l-oħra li jirregolaw l-organizzazzjoni tas-suq komuni.

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-kondizzjonijiet addizzjonali segwenti għandhom japplikaw:

— jekk ir-rata tar-rifużjoni korrispondenti għall-prodott attwali hija egwali jew ogħla mir-rata applikabbli għall-prodott muri fil-kaxxa 16 tal-liċenzja, ir-rata msemmija l-aħħar għandha tapplika,

— jekk ir-rata ta' rifużjonijiet korrispondenti għall-prodott attwali hija inqas mir-rata applikabbli għall-prodott indikata fil-kaxxa 16 tal-liċenzja, ir-rifużjonijiet li għandhom jitħallsu għandhom ikunu dawk akkwistati bl-applikazzjoni tar-rata li tikkorrispondi għall-prodott attwalli, bit-tnaqqis, ħlief fil-każ ta' *force majeure*, ta' 20 % tad-differenza bejn ir-rifużjoni korrispondenti għall-prodott indikat fil-kaxxa 16 tal-liċenzja u r-rifużjoni għall-prodott attwali,

Fejn japplikaw it-tieni subinċiż tat-tieni subparagrafu u l-punt (b) ta' l-Artikolu 18(3), it-tnaqqis applikabbli għar-rifużjoni li jikkorrispondu għall-prodott attwali u d-destinazzjoni attwali għandhom ikunu kkalkolati fuq id-differenza bejn ir-rifużjoni li tikkorrispondi għall-prodott u d-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja u r-rifużjonijiet li jikkorrispondu għall-prodott u d-destinazzjoni attwali,

Għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta'dan il-paragrafu, ir-rati ta' rifużjoni li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni huma dawk validi fil-ġurnata meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal-liċenzja. Fejn meħtieġ dawk ir-rati għandhom jiġu aġġustati fil-ġurnata ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni jew tad-dikjarazzjoni tal-ħlas.

3. Meta l-paragrafu 1 jew 2 u l-Artikolu 51 japplikaw għall-istess operazzjoni ta' l-esportazzjoni, l-ammont li jirriżulta mill-paragrafu 1 jew 2 għandu jkun imnaqqas bl-ammont tal-penali msemmija fl-Artikolu 51.

Artikolu 5

1. "Ġurnata ta' l-esportazzjoni" tfisser il-ġurnata li fiha l-awtoritajiet doganali jaċċettaw id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni li tiddikjara li għandha ssir applikazzjoni għar-rifużjoni.

2. id-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandha tiddetermina:

(a) ir-rata ta' rifużjoni applikabbli meta r-rifużjoni ma tkunx stabbilita bil-quddiem;

[1] ĠU L 312, tat-23.12.1995, p. 1.

(b) kwalunkwe aġġustamenti li jridu jsiru għar-rata ta' rifużjoni meta tkun stabbilita bil-quddiem;

(ċ) il-kwantità, in-natura u l-karatteristiċi tal-prodott esportat.

3. Kull att ieħor li skond il-liġi għandu l-istess effett ta' l-aċċettazjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandu jitqies bħala ekwivalenti għal tali aċċettazzjoni.

4. Id-dokument użat fl-esportazzjoni għalkwalifika għar-rifużjonijiet għandu jinkludi l-informazzjoni neċessarja biex jiġu kkalkolati r-rifużjonijiet, u b'mod partikolari:

(a) għall-prodotti:

— deskrizzjoni, issimplifikatafejn xieraq, tal-prodotti skond in-nomenklatura tar-rifużjonijiet għall-esportazzjoni, flimkien mal-kodiċi ta' nomenklatura tar-rifużjonijiet, u fejn huwa meħtieġ sabiex tiġu kkalkolati r-rifużjonit, il-kompożizzjoni tal-prodotti kkonċernati jew ir-referenza għalihom,

— il-massa netta tal-prodotti, jew, fejn applikabbli, il-kwantità espressa fl-unità' ta' kejl li tintuża meta jiġu kkalkolati r-rifużjonijiet;

(b) fil-każ ta' oġġetti, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu (KE) Nru 1222/94 għandhom japplikaw.

5. Fil-mument ta' l-aċċettazzjoni jew ta' l-att previst fil-paragrafu 3, il-prodotti għandhom jitpoġġew taħt il-kontroll doganali skond l-Artikolu 4(13) u (14) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 sakemm iħallu t-territorju doganali tal-Komunità.

6. B'deroga mill-Artikolu 282(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, l-awtorizzazzjoni biex issir id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni f'forma ssimplifikata tista' tistipula li d-dikjarazzjoni ssimplifikata għandha jkollha estimi tal-massa netta tal-prodotti esportati fil-massa jew f'unitajiet mhux*standard*, meta l-kwantità eżatta tista' tiġi stabbilita biss meta tkun saret it-tagħbija fil-mezz ta' trasport.

Id-dikjarazzjoni addizzjonali li tindika l-massa netta eżatta għandha tiġi ppreżentata meta tintemm it-tagħbija. Għandha tiġi akkumpanjata minn evidenza dokumentarja tal-massa netta eżatta li tkun ġiet mgħobbija.

L-ebda rifużjoni ma tingħata għall-kwantitajiet li jaqbżu 110 % tal-massa netta kif ikkalkolata. Meta t-tagħbija attwalment mgħobbija hija inqas minn 90 % tal-massa netta kif ikkalkolata, ir-rifużjoni għall-massa netta attwalment mgħobbija titnaqqas b'10 % tad-differenza bejn ir-rifużjoni korrispondenti għal 90 % tal-massa netta ikkalkolata u r-rifużjoni li tikkorrispondi għall-massa attwalment mgħobbija.

Is-segwenti għandhom jitiqiesu bħala unitajiet mhux*standard*: annimali ħajjin, (nofs) karkassi u kwartijiet.

Minkejja dak li jgħid punt (d) ta' l-Artikolu 278(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-prodotti mqiegħda taħt l-arranġamenti pre-finanzjari skond l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament.

7. Il-persuni kollha li jesportaw prodotti li għalihom jitolbu rifużjonijiet għandhom jintalbu sabiex:

(a) jippreżentaw id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni ma' l-uffiċċju doganali kompetenti fil-post fejn il-prodotti għandhom jitgħabbew għat-trasport għall-esportazzjoni;

(b) jinformaw dak l-uffiċċju doganali mill-inqas 24 siegħa qabel il-bidu tal-ħidmiet ta' tagħbija u jindikaw id-dewmien antiċipat tat-tagħbija. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistipulaw terminu ta' mhux aktar minn 24 siegħa.

L-uffiċċju doganali kompetenti jista' jawtorizza l-ħidmiet ta' tagħbija wara li tkun aċċetta d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, qabel l-iskadenza tat-terminu msemmi fil-punt (b).

L-uffiċċju doganali kompetenti għandu jkun jista' jagħmel spezzjonijiet fiżiċi u jidentifika l-merkanzija għat-trasport lejn l-uffiċċju tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Komunità.

Jekk, għal raġunijiet amministrattivi, l-ewwel subparagrafu ma jkunx jista' jiġi applikat, id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tista' tiġi ppreżentata biss lill-uffiċċju doganali kompetenti fl-Istat Membru konċernat u, fejn spezzjoni fiżika ssir skond ir-Regolament (KEE) Nru 386/90, kwalunkwe merkanzija li tiġi preżentata trid tinħatt kompletament. Madanakollu, il-merkanzija m'għandhiex għalfejn tinħatt kollha meta l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu spezzjoni fiżika eżawrenti.

Artikolu 6

B'deroga mill-Artikolu 5(2), meta l-kwantitajiet esportati ma jeċċedux 5 000 kilogramm tal-prodott għall-kull kodiċi ta' nomenklatura tar-rifużjonijiet fil-każ ta' ċereali jew 500 kilogramm għal kull nomenklatura ta' rifużjonijiet jew kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda fil-każ ta' prodotti oħra, u meta tali esportazzjonijiet jinvolvu konsenji frekwenti, l-Istat Membru jista' jippermetti li l-aħħar ġurnata tax-xahar tintuża biex tiġi ddeterminati r-rifużjoni applikabbli, jew jekk ir-rifużjoni kienet ġiet stabbilita minn qabel, kwalunkwe aġġustamenti li jridu jsiru għal dan.

Meta r-rifużjoni tiġi stabbilita minn qabel jew iddeterminatab'sejħa għall-offerti, il-liċenzja għandha tkun valida fl-aħħar ġurnata tax-xahar ta' l-esportazzjoni.

L-esportaturi awtorizzati sabiex jagħmlu użu minn din l-alternattiva m'għandhomx japplikaw il-proċedura normali għall-kwantitajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu.

Fil-każ ta' Stati Membri li ma jipparteċipawx fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, l-aħħar ġurnata tax-xahar għandha tiġi wkoll użata sabiex tiġi ddeterminata r-rata tal-kambju ta' l-euro fil-munita nazzjonali applikabbli għall-ammont tar-rifużjonijiet,

Artikolu 7

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 14 u 20, il-ħlas tar-rifużjoni għandu jkun kondizzjonali fuq il-fornitura ta' l-evidenza li l-prodotti koperti minn dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni aċċettati jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità fl-istat mhux mibdul tagħhom fi żmien 60 ġurnata minn tali aċċettazzjoni.

Madanakollu, il-kwantitajiet ta' prodotti meħudin bħala kampjuni fiż-żmien tal-kompletazzjoni tal-formalitajiet doganali ta' l-esportazzjoni u mhux sussegwentement irritornati, għandhom jitqiesu bħala li ma tneħħewx mill-massa netta tal-prodotti li minnhom ikunu attwalment ittieħdu.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, provisti għall-trattamenti. kkonsenjati lejn il-pjattaformi tat-tħaffir jew estrazzjoni kif definiti fil-punt (a) ta' l-Artikolu 44(1) għandhom jitqiesu li jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità.

3. L-iffriżar għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-osservanza tal-paragrafu 1.

Dan għandu japplika wkoll għall-ippakkjar mill-ġdid, sakemm tali ppakkjar mill-ġdid ma jirriżultax f'bidla fis-subintestatura tal-prodott fin-nomenklatura tar-rifużjonijiet jew is-subintestatura tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda. L-ippakkjar mill-ġdid jista' jseħħ biss wara li l-awtoritajiet doganali jkunu taw il-kunsens tagħhom.

Fil-każ ta' l-ippakkjar mill-ġdid, il-kopja ta' kontroll T5 għandha tkun mimlija kif imiss.

It-twaħħil jew it-tibdil tat-tikketti jista' jiġi awtorizzat taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-ippakkjar mill-ġdid skond it-tieni u t-tielet sub-paragrafi.

4. Meta għal raġunijiet ta' force majeure, l-esportatur ma jkunx jista' josserva t-termini stipulati fil-paragrafu 1, dak it-terminu jista' fuq talba ta' l-esportatur, jiġi estiż b'tali perjodu li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' l-esportazzjoni jqisu neċessarju fiċ-ċirkostanzi.

Artikolu 8

Jekk, qabel ma jħalli t-territorju doganali tal-Komunità, prodott kopert b'dikjarazzjoni doganali aċċettata jaqsam it-territorju tal-Komunità li ma jkunx dak ta' l-Istat Membru ta' l-esportazzjoni, evidenza li dak il-prodott ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità għandha tiġi fornita permezz tal-kopja ta' kontroll T5 oriġinali endorsjata kif suppost.

Il-kaxxi 33, 103, 104 u, fejn xieraq, 105 tal-kopja ta' kontroll, għandhom *inter alia* jiġu mimlija. Il-kitba xierqa għandha ssir fil-kaxxa 104.

Artikolu 9

1. Għall-iskop ta' rifużjonijiet fil-każ ta' l-esportazzjoni permezz tal-baħar, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċjali li ġejjin::

(a) Meta l-kopja ta' kontroll T5 jew id-dokument nazzjonali li jagħti prova li l-prodotti jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità jkunu ġew endorsjati mill-awtoritajiet kompetenti, il-prodotti ma jistgħux, ħlief fil-każ ta' *force majeure*, jibqgħu iżjed minn 28 ġurnata għall-iskopijiet ta' trasbord f'xi port(ijiet) oħra li jinsabu fl-istess jew f'xi Stat Membru ieħor. Dak il-limitu ta' żmien m'għandux japplika meta l-prodotti jkunu ħallew il-port finali fit-territorju doganali tal-Komunità fit-terminu taż-żmien oriġinali ta' 60 ġurnata.

(b) Rifużjonijiet għandhom jitħallsu suġġett għall-preżentazzjoni llill-aġenzija li tagħmel il-ħlas ta':

— dikjarazzjoni ta' l-esportatur li l-prodotti mhux se jiġu trasbordati f'port ieħor tal-Komunità.

jew

— prova ta' l-osservanza ta' (a). Din il-prova għandha tikkonsisti b'mod partikolari mid-dokument(i) ta' trasport, jew kopja jew fotokopja ta' l-istess, li jkopru l-prodotti mit-tluq mill-ewwel port ta' fejn id-dokumenti msemmija f'(a) ikunu ġew endorsjati, sal-wasla fil-pajjiż terz li fih għandhom jiġu żbarkati.

Id-dikjarazzjonijiet kif imsemmija fl-ewwel subinċiż għandhom ikunu suġġetti għall-ispezzjonijiet adegwati fuq il-post mill-aġenzija li tagħmel il-ħlas. Il-prova msemmija fit-tieni subinċiż hija meħtieġa għal dak l-għan.

Fil-każijiet ta' esportazzjoni permezz ta' vapuri li joperaw servizz dirett ta' trasport lejn port ta' pajjiż terz mingħajr ma jieqaf f'xi port ieħor tal-Komunità, l-Istati Membri jistgħu japplikaw proċedura ssimplifikata għall-għan ta' l-ewwel subinċiż.

(ċ) Bħala alternattiva għall-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (b), l-Istat Membru tal-ħruġ jista' jistipula li l-kopja ta' kontroll T5 jew id-dokument nazzjonali li jagħti evidenza li l-prodotti jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità għandu jiġi kkonfermat biss mal-preżentazzjoni tad-dokument tat-trasport li jispeċifika destinazzjoni finali 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità.

F'każijiet bħal dawn, waħda mill-kitbiet li ġejjin għandha tiġi miżjuda mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-ħruġ taħt l-intestatura "Rimarki" fis-sezzjoni ntitolata "Kontroll ta' l-użu u/jew destinazzjoni" fuq il-kopja ta' kontroll T5 jew taħt l-intestatura korrispondenti tad-dokument nazzjonali:

— Documento de transporte con destino fuera de la CE presentado,

— Transportdokument med destination uden for EF forelagt,

— Beförderungspapier mit Bestimmung außerhalb der EG wurde vorgelegt,

— Υποβαλλόμενο έγγραφο μεταφοράς με προορισμό εκτός ΕΚ,

— Transport document showing a destination outside the Community has been presented,

— Document de transport avec destination hors CE présenté,

— Documento di trasporto con destinazione fuori CE presentato,

— Vervoerdocument voor bestemming buiten EG voorgelegd,

— Documento de transporte con destino fuera de la CE presentado,

— Kuljetusasiakirja, jossa ilmoitetaan yhteisön tullialueen ulkopuolinen määräpaikka, on esitetty,

— Transportdokument med slutlig destination utanför gemenskapens tullområde har lagts fram.

L-osservanza ta' dan il-punt għandha tiġi vverifikata permezz ta' spezzjonijiet adegwati fuq il-post imwettqa mill-aġenzija li tagħmel il-pagament.

(d) Meta jinstab li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) ma jkunux ġew osservati, għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 35 u 50 il-ġurnata, jew il-ġranet, sa meta l-limitu taż-żmien ta' 28 ġurnata jiġi maqbuż għandhom jitqiesu li jkunu ġranet sa meta l-limitu taż-żmien stipulat fl-Artikoli 7 u 34jiġi maqbuż.

Jekk kemm il-limitu taż-żmien ta' 60 ġurnata stipulat fl-Artikolu 7 (1) u l-limitu taż-żmien ta' 28 jum stipulat fil-punt (a)jiġu maqbuża, l-ammont li bih ir-rifużjonijiet għandhom jitnaqqsu jew il-parti tal-garanzija li għandha tiġi ssekwestrata għandha tkun egwali għal dik dovuta għall-akbar miż-żewġ eċċessi.

2. Għall-iskop ta' għotja tar-rifużjonijiet fil-każ ta' l-esportazzjonipermezz tat-triq, permezz tal-passaggi fuq l-ilma jew permezz tal-ferrovija, id-dispożizzjonijiet speċjali segwenti għandhom japplikaw:

(a) Meta l-kopja ta' kontroll T5 jew id-dokument nazzjonali li jagħti prova li l-prodotti jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità jkunu ġew endorsjati mill-awtoritajiet kompetenti, il-prodotti ma jkunux jistgħu, ħlief fil-każ ta' *force majeure*, imorru lura lejn dak it-territorju apparti milli għall-iskop ta' operazzjoni ta' trasbord u mhux għal aktar minn 28 ġurnata. Dak il-limitu taż-żmien m'għandux japplika meta l-prodotti kkonċernati jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità definittivament fil-limitu taż-żmien oriġinali ta' 60 ġurnata.

(b) L-osservanza tal-punt (a) għandha tiġi vverifikata bi spezzjonijiet adegwati fuq il-post imwettqa mill-aġenzija li teffetwa l-pagament. F'każijiet bħal dawn id-dokumenti ta' trasport li jkopru l-prodotti sal-wasla tagħhom fil-pajjiż terz li fih għandhom ikunu żbarkati, huma meħtieġa.

Fil-każijiet meta jinstab li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) ma jkunux ġew osservati, għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 35 u 50, il-ġurnata, jew il-ġranet, sa meta l-limitu taż-żmien ta' 28 ġurnata jinqabeż għandhom jitqiesu li jkunu ġranet sa meta l-limitu taż-żmien stipulat fl-Artikoli 7 u 34 jiġi maqbuż.

Jekk kemm il-limitu taż-żmien ta' 60 ġurnata preskritt fl-Artikolu 7 (1) u l-limitu taż-żmien ta' 28 ġurnata preskritt fil-punt (a) jinqabżu, l-ammont li bih ir-rifużjonijiet għandhom jitnaqqsu jew il-parti tal-garanzija li għandha tkun ikkonfiskata għandha tkun egwali għal dik dovuta għall-akbar miż-żewġ eċċessi.

3. Għall-iskop ta' għotja tar-rifużjonijiet fil-każ ta' l-esportazzjoni permezz ta' l-ajru, id-dispożizzjonijiet speċjali segwenti għandhom japplikaw:

(a) Il-kopja ta' kontroll T5 jew id-dokument nazzjonali li jagħti prova li l-prodotti jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità jistgħu jiġu kkonfermati biss mill-awtoritajiet kompetenti mal-preżentazzjoni tad-dokument tat-trasport li jindika d-destinazzjoni finali li hi 'il barra mit-territorju doganali tal-Komunità.

(b) Fejn jinstab li, wara t-twettieq tal-formalitajiet imsemmija fil-punt (a), il-prodotti jkunu baqgħu, ħlief fil-każ ta' *force majeure*, għal aktar minn 28 ġurnata għall-iskop ta' trasbord f'wieħed jew aktar ajruporti fit-territorju doganali tal-Komunità, il-ġurnata jew ġranet, sa meta l-limitu taż-żmien ta' 28 ġurnata jinqabeż għandhom, għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 35 u 50, jitqiesu bħala ġranet sa meta l-limitu taż-żmien stipulat fl-Artikoli 7 u 34 jinqabeż.

Jekk kemm il-limitu taż-żmien ta' 60 ġurnata stipulat fl-Artikolu 7 (1) u l-limitu taż-żmien ta' 28 ġurnata stipulat f'dan il-punt jinqabżu, l-ammont li bih ir-rifużjonijiet għandhom jitnaqqsu jew il-parti tal-garanzija li għandha tkun issekwestrata trid tkun egwali għal dik dovuta għall-akbar miż-żewġ eċċessi.

(ċ) L-osservanza ta' dan il-paragrafu għandha tiġi vverifikata bi spezzjonijiet adegwati fuq il-post imwettqa mill-aġenzija li thallas..

(d) Il-limitu taż-żmien ta' 28 ġurnata stipulat f'(b) m'għandux japplika meta l-prodotti kkonċernati jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità definittivament fil-limitu taż-żmien oriġinali ta' 60 ġurnata.

Artikolu 10

1. Meta l-prodott jitpoġġa, fl-Istat Membru ta' l-esportazzjoni, taħt waħda mill-proċeduri Komunitarji ssimplifikati ta' trasbord għall-ġarr permezz tal-ferrovija jew *containers* kbar stipulati fl-Artikoli 412 sa 442 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, għall-ġarr lejn stazzjon tad-destinazzjoni jew għall-konsenja lejn il-konsenjatarju 'l barra mit-territorju doganali tal-Komunità, il-ħlas tar-rifużjonijiet m'għandux ikun kondizzjonali fuq il-produzzjoni tal-kopja ta' kontroll T5.

2. Għall-iskop tal-paragrafu 1, l-uffiċċju doganali kompetenti għandu jassigura li l-kliem "Tluq mit-territorju doganali tal-Komunità permezz tal-proċedura Komunitarja ssimplifikata ta' trasbord għall-ġarr permezz tal-ferrovija jew *containers* kbar" ikunu miktuba fuq id-dokument maħruġ għall-iskop tal-ħlas tar-rifużjonijiet.

3. L-uffiċċju doganali minn fejn il-prodotti jitpoġġew taħt proċedura li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 ma jistax jippermetti li l-kuntratt ta' ġarr jiġi emendat sabiex il-ġarr jintemm fi ħdan il-Komunità sakemm ma jkunx stabbilit li:

— meta ir-rifużjoni tkun ġiet imħallsa, tali rifużjoni tkun ġiet rimborżati,

jew

— il-passi neċessarji jkunu ttieħdu mill-awtoritajiet sabiex jassiguraw li r-rifużjonima tiġix imħallsa.

Madanakollu, jekk ir-rifużjonijiet ikunu ġew imħallsa skond il-paragrafu 1 u l-prodott ma jkunx ħalla t-territorju doganali tal-Komunità fil-limitu taż-żmien stipulat, l-uffiċċju doganali kompetenti għandu jinforma b'dan lill-aġenzija responsabbli li tħallas ir-rifużjonijiet u għandu jipprovdiha malajr kemm jista' jkun bid-dettalji neċessarji. F'każijiet bħal dawn ir-rifużjonijiet għandhom jitqiesu bħala li jkunu tħallsu żejda.

4. Meta prodott li jkun f'ċirkolazzjoni permezz tal-proċedura ta' transitu estern tal-Konumità jew tal-proċedura komuni ta' trasport jitqiegħed fi Stat Membru ieħor apparti minn dak ta' l-esportazzjoni permezz tal-proċedura kif previst fil-paragrafu 1 għall-ġarr lejn stazzjon tad-destinazzjoni jew għall-konsenja lil destinatarju 'l barra mit-territorju doganali tal-Komunità, l-uffiċċju doganali li fih il-prodott jitpoġġa taħt il-proċedura kif imsemmija hawn fuq għandu jikteb waħda mill-kitbiet segwenti taħt "Rimarki" fis-sezzjoni intitolata "Kontroll ta' l-użu u/jew tad-destinazzjoni" fuq in-naħa ta' wara ta' l-oriġinal tal-kopja ta' kontroll T5:

— Salida del territorio aduaneiro de la Comunidad bajo el régimen de tránsito comunitario simplificado por ferrocarril o en grandes contenedores:

  — Documento de transporte:

    tipo: .....

    número: .....

  — Fecha de aceptación para el transporte por parte de la administración ferroviaria o de la empresa de transporte de que se trate: .....

— Udgang af Fællesskabets toldområde i henhold til ordningen for den forenklede procedure for fællesskabsforsendelse med jernbane/store containers:

  — Transportdokument:

    tip: .....

    nummer: .....

  — Dato for overtagelse ved jernbane eller ved det pågældende transportfirma: .....

— Ausgang aus dem Zollgebiet der Gemeinschaft im Rahmen des vereinfachten gemeinschaftlichen Versandverfahrens mit der Eisenbahn oder in Großbehältern:

  — Beförderungspapier:

    Art: .....

    nummer: .....

  — Zeitpunkt der Annahme zur Beförderung durch die Eisenbahnverwaltung oder das betreffende Beförderungsunternehmen: .....

— Έξοδος από το τελωνειακό έδαφος της Κοινότητας σιδηροδρομικώς με συνδυασμένη μεταφορά σιδηροδρομικώς-οδικώς:

  — Έγγραφο μεταφοράς:

    είδος: .....

    αριθμός: .....

  — Ημερομηνία αποδοχής για τη μεταφορά από τη διοίκηση των σιδηροδρόμων: .....

— Exit from the customs territory of the Community under the simplified Community transit procedure for carriage by rail or large containers:

  — Transport document:

    Type: .....

    Number: .....

  — Date of acceptance for carriage by the railway authorities or the transport undertaking concerned: ....

— Sortie du territoire douanier de la Communauté sous le régime du transit communautaire simplifié par chemin de fer ou par grands conteneurs:

— Document de transport:

espèce: .....

numéro: .....

— Date d'acceptation pour le transport par l'administration des chemins de fer ou par l'entreprise de transports concernée: .....

— Uscita dal territorio doganale della Comunità in regime di transito comunitario semplificato per ferrovia o grandi contenitori:

— Documento di trasporto:

tipo: .....

numero: .....

— Data di accettazione per il trasporto da parte delle ferrovie o dell'impresa di trasporto interessata: .....

— Uitgang uit het douanegebied van de Gemeenschap de regeling vereenvoudigd communautair douanevervoer per spoor of in grote containers:

— Vervoerdocument:

tip: .....

nummer: .....

— Datum van aanneming ten vervoer door de betrokken spoorwegadministratie of de betrokken vervoerondernemming: .....

— Saída do território aduaneiro da Comunidade ao abrigo do regime do trânsito comunitário simplificado por caminho-de-ferro ou em grandes contentores:

— Documento de transporte:

tipo: .....

número: .....

— Data de aceitação para o transporte pela administração dos caminhos-de-ferro ou pela empresa de transporte interessada: .....

— Viety yhteisön tullialueelta yksinkertaistetussa yhteisön passitusmenettelyssä rautateitse tai suurissa konteissa

— Kuljetusasiakirja:

tyyppi: .....

numero: .....

— Päivä, jona rautatieviranomainen tai asianomainen kuljetusyritys hyväksyi kuljetettavaksi: .....

— Utförsel från gemenskapens tullområde enligt det förenklade transiteringsförfarandet för järnvägstransporter eller transporter i stora containrar:

— Transportdokument:

typ: .....

nummer: .....

— Mottagningsdag för befordran hos järnvägsföretaget eller det berörda transportföretaget: .....

Meta l-kuntratt tat-trasport jiġi emendat sabiex it-trasport jispiċċa fil-Komunità, il-paragrafu 3 għandu japplika *mutatis mutandis*.

5. Meta prodott jgħaddi f'idejn il-ferroviji fl-Istat Membru ta' l-esportazzjoni jew fi Stat Membru ieħor u jiċċirkola taħt il-proċedura ta' transitu estern tal-Komunità jew il-proċedura komuni ta' transitu b'kuntratt ta' ġarr għal trasport ikkumbinat bit-triq u bil-ferrovija għal destinazzjoni barra t-territorju doganali tal-Komunità, l-uffiċċju doganali kompetenti għal jew l-eqreb stazzjon tal-ferrovija li fih il-prodott jgħaddi f'idejn il-ferroviji għandu jdaħħal waħda mis-segwenti kitbiet taħt "Rimarki" fis-sezzjoni li tibda "Kontroll ta' l-użu u/jew destinazzjoni" fuq wara ta' l-oriġinal tal-kopja ta' kontroll T5:

— Salida del territorio aduanero de la Comunidad por ferrocarril en transporte combinado por ferrocarril carretera:

— Documento de transporte:

tipo: .....

número: .....

— Fecha de aceptación del transporte por parte de la administración ferroviaria: .....

— Udgang af Fællesskabets toldområde ad jernbane ved kombineret jernbane-/landevejstransport:

— Transportdokument:

tip: .....

nummer: .....

— Dato for overtagelse ved jernbane: .....

— Ausgang aus dem Zollgebiet der Gemeinschaft mit der Eisenbahn zur Beförderung im kombinierten Straßen- und Schienenverkehr:

— Beförderungspapier:

Art: .....

nummer: .....

— Zeitpunkt der Annahme zur Beförderung durch die Eisenbahnverwaltung: .....

— Έξοδος από το τελωνειακό έδαφος της Κοινότητας σιδηροδρομικώς με συνδυασμένη μεταφορά σιδηροδρομικώς-οδικώς:

— Έγγραφο μεταφοράς:

είδος: .....

αριθμός: .....

— Ημερομηνία αποδοχής για τη μεταφορά από τη διοίκηση των σιδηροδρόμων: .....

— exit from the customs territory of the Community by rail under combined transport by road or rail

— transport document:

type: .....

name: .....

— Date of acceptance for carriage by the railway authorities: .....

— Sortie du territoire douanier de la Communauté par chemin de fer, en transport combiné rail-route:

— Document de transport:

espèce: .....

numero: .....

— Date d'acceptation pour le transport par l'administration des chemins de fer: .....

— Uscita dal territorio doganale della Comunità per ferrovia nell'ambito di un trasporto combinato strada-ferrovia:

— Documento di trasporto:

tipo: .....

numero: .....

— Data di acettazione del trasporto da parte dell'amministrazione delle ferrovie: .....

— Uitgang uit het douanegebied van de Gemeenschap per spoor, bij gecombineerd rail-wegvervoer:

— Vervoerdocument:

tip: .....

nummer: .....

— Datum van aanneming ten vervoer door de spoorwegadministratie: .....

— Saída do território aduaneiro da Comunidade por caminho-de-ferro, em transporte combinado rodo-ferroviário:

— Documento de transporte:

tipo: .....

número: .....

— Data de aceitação do transporte pela administração dos caminhos-de-ferro: .....

— Viety yhteisön tullialueelta rautateitse yhdistetyssä rautatie- ja maantiekuljetuksessa:

— Kuljetusasiakirja:

tyyppi: .....

numero: .....

— Päivä, jona rautatieviranomainen hyväksyi kuljetettavaksi: .....

— Utförsel från gemenskapens tullområde på järnväg vid kombinerad järnvägs- och landsvägstransport:

— Transportdokument:

typ: .....

nummer: .....

— Mottagningsdag för befordran hos järnvägsföretaget: …

Kuntratt ta' trasport għal trasport ikkombinat bit-triq u bil-ferrovija li jkun emendat sabiex il-ġarr jintemm ġewwa l-Komunità minflok barra ma jistax jitwettaq mill-awtoritajiet ferrovjarji mingħajr l-awtorizzjazzjoni preċedenti ta' l-uffiċċju tat-tluq. F'każijiet bħal dawn, il-paragrafu 3 għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 11

1. Ir-rifużjonijiet għandhom jingħataw biss fuq prodotti li, irrispettivament mis-sitwazzjoni tad-dwana rigward l-ippakkjar:

— joriġinaw fil-Komunità u jiċċirkolaw liberament fil-Komunità, jew

— jiċċirkolaw liberament fil-Komunità, jew

— jiċċirkolaw liberament fil-Komunità, ir-rifużjonif'dan il-każ huma llimitati għall-ammont tal-ħlas ta' l-importazzjoni miġbur fil-ħin ta' l-importazjoni.

Id-dispożizzjonijiet leġislattivi dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodott kkonċernat għandhom jiddeterminaw il-kondizzjonijiet applikabbli għall-prodott wara li jiġi kkunsidrat l-ewwel subparagrafu.

2. Meta ir-rifużjonijiet jingħataw bil-kondizzjoni li l-prodott ikun oriġina fil-Komunità, l-esportaturi għandhom jiddikjaraw l-oriġini kif imfissra fit-tieni u fit-tielet subparagrafi bi qbil mar-regoli tal-Komunità fis-seħħ.

Għall-iskop ta' l-għoti tar- rifużjonijiet, prodotti jitqiesu li huma ta' origini komunitarja jekk ikunu ġew ottenuti kompletament fil-Komunità jew jekk l-aħħar proċessar jew xogħol li jkun sar fuqhom ikun sar fil-Komunità skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23 jew 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Bla preġudizzju għall-għoti tar-rifużjonijiet, il-prodotti joriġinaw fil-Komunità jekk ikunu miksuba totalment fil-Komunità jew jekk l-aħħar proċessar jew xogħol sostanzjali jkun seħħ fil-Komunità bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23 jew 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Minħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, prodotti miksuba minn dawn li ġejjin ma għandhomx jikkwalifikaw għal rifużjonijiet:

— materjali li joriġinaw fil-Komunità, u

— materjal agrikolu kopert mir-regolamenti msemmija fl-Artikolu 1 importati minn pajjiżi terzi li ma jgħaddux minn ipproċessar sostanzjali ġewwa l-Komunità.

3. Għall-iskop ta' l-Artikolu 17(12) tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81, l-esportaturi għandhom jiddikjaraw li z-zokkor jilħaq waħda mill-kondizzjonijiet preskritti f'dak ir-Regolament u għandu jispeċifika l-kondizzjoni f'dak il-każ.

4. Id-dikjarazzjonijiet skond il-l-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu vverifikati bl-istess mod bħal kwalunkwe informazzjoni oħra f'dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni.

5. Meta prodotti komposti li jikkwalifikaw għal rifużjonijiet fuq wieħed jew aktar ta' l-ingredjenti tagħhom jiġu esportati, ir-rifużjonijiet fuq ta' l-aħħar għandhom jingħataw suġġetti għall-konformità tagħhom mal-kondizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.

Ir-rifużjonijiet għandhom jingħataw ukoll meta l-ingredjent, jew l-ingredjenti, li fir-rigward tagħhom ir-rifużjonijiet ikunu mitluba oriġinarjament jidħlu fit-termini stabbiliti fil-paragrafu 1 u ma jkunux aktar f'ċirkolazzjoni libera unikament minħabba l-inkorporazzjoni tagħhom fi prodotti oħra.

6. Għall-iskop tal-paragrafu 5, ir-rifużjonijiet dwar is-segwenti għandhom jitqiesu rifużjonijiet stabbiliti fuq il-bażi ta' ingredjent:

— prodotti bażiċi fl-oqsma ta' ċereali, bajd, ross, zokkor, ħalib u prodotti tal-ħalib, esportati fil-forma ta' l-oġġetti li hemm referenza dwarhom fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1222/94,

— zokkor abjad u zokkor mhux maħdum li jaqgħu taħt kodiċi NM 1701, glukożju u ġulepp tal-glukożju li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1702 30 51, 1702 30 59, 1702 30 91, 1702 30 99, u 1702 90 50, isoglukożi li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1702 30 10, 1702 40 10, 1702 60 10, u 1702 90 30 u ġulepp tal-pitravi u tal-kannamieli li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1702 60 95 u 1702 90 99, użati fil-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96,

— ħalib u prodotti tal-ħalib u zokkor esportati fil-forma ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0402 10 91 sa 99, 0402 29, 0402 99, 0403 10 31 sa 39, 0403 90 31 sa 39, 0403 90 61 sa 69, 0404 10 26 sa 38, 0406 30 li ma huma fl-ebda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(2) tat-Trattat,

— ċereali esportati fil-forma ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2309 10 11 sa 70 u 2309 90 31 sa 70 u elenkati fl-Anness A tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92,

— ħalib u prodotti tal-ħalib esportati fil-forma ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2309 10 11 sa 70 u 2309 90 31 sa 70 u elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68,

Artikolu 12

1. Ir-rata ta' rifużjonijiet applikabbli għal taħlitiet li jaqgħu taħt il-Kapitoli 2, 10 u 11 tan-Nomenklatura Magħquda għandha tkun dik applikabbli:

(a) fil-każ ta' taħlit fejn ingredjent wieħed jikkostitwixxi mill-inqas 90 % tal-piż, għal dak l-ingredjent;

(b) fil-każ ta' taħlit ieħor, għall-ingredjent li għalih tapplika l-inqas rata ta' rifużjonijiet. Fejn ingredjent wieħed jew iktar ma jikkwalifikax għal rifużjonijiet, l-ebda rifużjonim' għandha titħallas fuq taħlitta'din ix-xorta..

2. Sabiex jiġu kkalkolati r-rifużjonijiet applikabbli għall-oġġetti mpoġġija f'settijiet u oġġetti komposti, kull komponent għandu jkun kkunsidrat bħala komponent separat.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal taħlit, oġġetti mpoġġija f'settijiet u oġġetti komposti li għalihom ġew stabbiliti regoli speċjali dwar il-kalkolazzjoni..

Artikolu 13

Id-dispożizzjonijiet rigward l-iffissar ta' rifużjonijiet bil-quddiem u aġġustamenti li jridu jsiru għandhom japplikaw biss għal prodotti li għalihom ġiet stabbilita rata ta' rifużjoni egwali jew ogħla minn żero

Sezzjoni 2

Rifużjonijiet differenzjati

Artikolu 14

1. Meta r-rata tar-rifużjoni tvarja skond id-destinazzjoni, ir-rifużjonijiet għandhom jitħallsu suġġetti għall-kondizzjonijiet addizzjonali stabbbiliti fl-Artikoli 15 u 16.

2. Meta rata waħda ta' rifużjoni tapplika fir-rigward tad-destinazzjonijiet kollha fil-jum ta' l-iffissar bil-quddiem u d-destinazzjoni obligatorja tkun stipulata, ir-rifużjonijiet għandhom jitqiesu li jvarjaw skond id-destinazzjoni meta r-rata li tkun tapplika fil-jum ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun aktar baxxa mir-rata stabbilita bil-quddiem, kif aġġustata, metaxieraq, fid-data ta' taliaċċettazzjoni

Artikolu 15

1. Il-prodotti għandhom jiġu mportati fl-istat mhux mibdul tagħhom, f'pajjiż terz jew f'wieħed mill-pajjiżi terzi li dwarhom japplikaw ir-rifużjonijiet, fi żmien 12-il xahar mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, estenzjoni għal dan il-limitu jista' jingħata skond l-Artikolu 49.

2. Il-prodotti għandhom jiġu meqjusa bħala li kienu ġew importati fl-istat mhux mibdul tagħhom jekk ma jkun hemm l-ebda evidenza ta' proċessar.

B'dana kollu:

— l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29 (4) mwettqa bl-iskop li l-prodotti jibqgħu miżmuma fiż-żġur jistgħu jsiru qabel l-importazzjoni u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal konformità mal-paragrafu 1,

— il-prodotti pproċessati qabel l-importazzjoni għandhom jiġu meqjusa li kienu ġew impurtati fl-istat mhux mibdul tagħhom basta li l-proċessar iseħħ f'pajjiż terz li fih il-prodotti kollha li jirriżultaw minn ipproċessar bħal dak ikunu importati.

3. Prodott għandu jiġi meqjus li kien ġie importat meta l-formalitajiet doganali ta' l-importazzjoni, partikolarment dawk li jikkonċernaw il-ġbir tad-dazji ta' l-importazzjoni jkunu ġew imwettqa.

4. Il-parti differenzjata tar-rifużjonijiet għandha titħallas fuq il-massa tal-prodotti li jkunu għaddew mill-formalitajiet doganali għall-importazzjoni fil-pajjiż terz; b'dana kollu, m'għandha tittieħed l-ebda konsiderazzjoni ta' xi varjazzjonijiet fil-massa li jistgħu jseħħu waqt it-trasport bħala riżultat ta' kawżi naturali u li huma rrikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti jew minħabba l-ġbir ta' kampjuni u skond id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7 (1).

Artikolu 16

1. Prova li l-formalitajiet doganali għall-importazzjoni jkunu ġew imwettqa għandha, skond ma jagħżel l-esportatur, tkun provduta b'wieħed minn dawn id-dokumenti segwenti:

(a) id-dokument doganali jew kopja jew foto-kopja tiegħu; kopja jew foto-kopja bħal din għandha tiġi ċċertifikata, bħala kopja vera, mill-korp li jkun endorsja d-dokument oriġinali, aġenzija uffiċjali tal-pajjiż terz konċernat, aġenzija uffiċjali ta' Stat Membru fil-pajjiż terz konċernat jew aġenzija responsabbbli għal ħlas tar-rifużjonijiet;

(b) ċertifikat tal-ħatt u ta' l-importazzjoni mħejji minn aġenzija ta' kontroll internazzjonali u ta' superviżjoni approvata minn Stat Membru skond il-ħtiġiet minimi stabbiliti fil-paragrafu 5. Id-data u n-numru tad-dokument doganali għandhom jidhru fuq iċ-ċertifikat konċernat.

2. Meta esportatur ma jkunx jista' jakkwista d-dokument magħzul skond il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1, anki wara li jkun ħa l-passi xierqa, jew meta jkun hemm dubju dwar l-awtentiċità tad-dokumentprovdut, prova tat-twettieq tal-formalitajiet doganali għall-importazzjoni tista' tkun provduta b'wieħed jew aktar mid-dokumenti segwenti.

(a) kopja tad-dokument tal-ħatt maħruġ jew endorsjat fil-pajjiż terz li fuqu jistgħu jitħallsu r-rifużjonijiet;

(b) ċertifikat tal-ħatt maħruġ minn aġenzija uffiċjali ta' Stat Membru stabbilita fi, jew kompetenti għal, pajjiż tad-destinazzjoni, li tiċċertifika b'żieda li l-prodott ikun ħalla l-post tal-ħatt jew għall-inqas li, sa kemm tkun taf, il-prodott ma jkunx ġie sussegwentement mgħobbi għall-esportazzjoni mill-ġdid;

(ċ) ċertifikat tal-ħatt imħejji minn aġenzija ta' kontroll internazzjonali u ta' superviżjoni approvata minn Stat Membru skond il-ħtiġijiet minimi stabbiliti fil-paragrafu 3, li tiċċertifika b'żieda li l-prodott ikun ħalla l-post tal-ħatt jew għall-inqas li, sa kemm tkun taf, il-prodott ma jkunx ġie sussegwentement mgħobbi għall-esportazzjoni mill-ġdid;

(d) dokument bankarju maħruġ minn intermedjarji approvati stabbiliti fil-Komunità, li jiċċertifika, fil-każ tal-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II, li l-ħlas għal-esportazzjoni f'dak il-każ ikun ġie kkreditat lill-kont ta' l-esportatur, b'dawk l-ammonti;

(e) ċertifikat ta' aċċettazjoni tal-konsenja maħruġ minn aġenzija uffiċjali tal-pajjiż terz konċernat, meta l-oġġetti jkunu mixtrija minn dak il-pajjiż jew minn aġenzija uffiċjali ta' dak il-pajjiż jew meta l-oġġetti jikkonstitwixxu għajnuna ta' ikel;

(f) dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-konsenja maħruġ minn organizzazzjoni internazzjonali jew minn organizzazzjoni umanitarja approvata mill-Istat Membru ta' l-esportazzjoni, meta l-oġġetti jkunu jikkonstitwixxu għajnuna ta' ikel;

(g) dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' konsennja maħruġa minn korp f'pajjiż terz li l-istedina tiegħu għal offerti tkun aċċettabbli permezz ta' l-Artikolu 44 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 meta l-oġġetti jkunu mixtrija minn dak il-korp.

3. L-esportaturi għandhom fil-każijiet kollha jipproduċu kopja jew foto-kopja tad-dokumenti tat-trasport.

4. Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE u fl-artikoli korrispondenti tar-regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq, tistabbilixxi li, f'ċerti każijiet speċifiċi li għandhom jiġu ddeterminati, il-prova ta' l-importazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tista' tiġi provduta b'dokument speċifiku jew b'xi mod ieħor.

5. Il-ħtiġiet minimi għall-approvazzjoni minn aenziji ta' kontroll internazzjonali jew ta' aġenziji ta' sorveljanza, għandhom ikunu s-segwenti:

(a) L-aġenziji ta' kontroll u superviżjoni għandhom jiġu approvati, fuq it-talba tagħhom, mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għal perjodu ta' tliet snin. L-approvazzjoni għandha tkun valida għall-Istati Membri kollha.

(b) Meta l-provi primarji u sekondarji msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 u l-punt (ċ) tal-paragrafu 2 jiġu mħejjija, l-aġenziji ta' kontroll u superviżjoni għandhom iwettqu l-verifiki kollha meħtieġa biex jiddeterminaw in-natura, il-karatteristiċi u l-kwantita tal-prodotti msemmija fiċ-ċertifikat. Għandu jinfetaħ fajl għal kull ċertifikat maħruġ li fih l-attivitajiet kollha ta' sorveljanza jiġu rreġistrati. Il-verifiki għandhom isiru fuq il-post fil-waqt ta' l-importazzjoni, ħlief f'każijiet eċċezzjonali ġġustifikati kif xieraq.

(ċ) L-aġenziji ta' kontroll u superviżjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 u l-punt (ċ) tal-paragrafu 2 għandhom ikunu independenti mill-partijiet involuti fit-transazzjoni li tkun taħt l-iskrutinju., La l-aġenzija ta' kontroll u superviżjoni li tagħmel il-kontrolli dwar tranżazzjoni partikolari, lanqas xi kumpannija sussidjarja li tappartjeni lill-istess grupp finanzjarju, ma tista' tieħu sehem fl-operazzjoni bħala esportatur, aġent doganali, burdnar, konsenjant, persuna responsabbli għall-maħzen,jew f'xi kapaċita oħra li aktarx li toħloq kunflit ta' interess.

(d) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 729/70 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 4045/89 [1], l-Istati Membri għandhom jispezzjonaw l-attivitajiet ta' l-aġenziji ta' kontroll u superviżjoni f'intervalli regolari jew meta jkun hemm raġuni għal dubju jekk il-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni jkunux ġew oservati.

(e) L-Istati Membri għandhom jirtiraw l-approvazzjoni, kollha kemm hi jew parti minnha, jekk jinstab li l-aġenzija tal-kontroll u s-superviżjoni ma tkunx tista' aktar tiggarantixxi l-konformità mal-kondizzjonijiet li jirregolaw l-approvazzjoni.

L-Istat Membru kkonċernat għandu immedjetament jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-irtirar ta' l-approvazzjoni. Din l-informazzjoni għandha tkun is-suġġett ta' skambju ta' veduti fil-Kumitati ta' Ġestjoni relevanti kollha.

L-irtirar ta' l-approvazzjoni għandha tkun valida għall-Istati Membri kollha.

Artikolu 17

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-esportaturi milli jipprovdu prova apparti mid-dokument tat-trasport meħtieġ permezz ta' l-Artikolu 16, meta operazzjoni ta' l-esportazzjoni toffri granziji adegwati tal-wasla fid-destinazzjoni ta' prodotti koperti b'dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni li tagħti l-intitolament għal rifużjonijiet tal-komponent varjabbli li ma jkunx jeċċedi:

(a) EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti elenkati fl-Artikolu 1 (2) (ċ) tar-Regolament Nru 136/66/KEE;

(b) EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti apparti minn dawk imsemmija fil-punt (a) meta pajjiż terz jew territorju tad-destinazzjoni elenkat fl-Artikolu IV;

(ċ) EUR 6 000 fil-każ ta' prodotti apparti minn dawk imsemmija fil-punt (a) meta pajjiż terz jew it-territorju tad-destinazzjoni ma jkunx elenkat fl-Anness IV

Artikolu 18

1. B'deroga mill-Artikolu 14 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20, parti mir-rifużjonijiet għandhom jitħallsu ma' l-applikazzjoni mill-esportatur la darba tiġi provduta l-prova li l-prodott ikun telaq mit-territorju doganali tal-Komunità.

2. Il-parti tar-rifużjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkalkolati bl-użu ta' l-anqas rata għar-rifużjonijiet, li minnhom titnaqqas 20 % tad-differenza bejn ir-rata stabbilita bil-quddiem u l-anqas rata jew żero, meta l-ebda rata ma tkun stabbilita.

Meta l-ammont li għandu jiġi mħallas ma jeċċedix EUR 2 000, l-Istati membri jistgħu jiddifferixxu l-ħlas ta' dak l-ammont sakemm jitħallsu r-rifużjonijiet kollha kkonċernati, apparti minn meta l-esportatur jiddikjara li hu ma jkunx sejjer japplika għal pagament ta' ammont ieħor f'dak li jirrigwarda l-esportazzjoni kkonċernata.

[1] ĠU L 388, tat-30.12.1989, p. 18.

3. Meta d-destinazzjoni mmarkata fil-kaxxa 7 tal-liċenzji maħruġa bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjonijiet ma tkunx osservata:

(a) jekk ir-rata tar-rifużjonijiet li tikkorrispondi ma' dik tad-destinazzjoni attwali tkun egwali għal jew ogħla mir-rata tar-rifużjonijiet għad-destinazzjoni indikata fil-kaxxa 7, ir-rifużjonijiet għad-destinazzjoni indikata fil-kaxxa 7 għandha tapplika;

(b) jekk ir-rata tar-rifużjonijiet li tikkorrispondi ma' dik tad-destinazzjoni attwali tkun inqas mir-rata tad-destinazzjoni indikata fil-kaxxa 7, ir-rifużjonijiet li għandhom jitħallsu għandhom ikunu:

— dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-rata li tikkorrispondi ma' dik tad-destinazzjoni attwali,

— imnaqqsa, għajr fil-każ ta' *force majeure*, b'20 % tad-differenza bejn ir-rifużjonijiet għad-destinazzjoni mmarkata fil-kaxxa 7 u r-rifużjonijiet għad-destinazzjoni attwali.

Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, ir-rati tar-rifużjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati għandhom ikunu dawk applikabbli fil-jum li fih tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal-liċenzja. Rati bħal dawn għandhom jiġu aġġustati, meta applikabbli, fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni jew tad-dikjarazzjoni tal-pagament.

Meta l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu u ta' l-Artikolu 51 japplikaw għall-istess operazzjoni ta' esportazzjoni, l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu għandu jiġi mnaqqas bil-penalità prevista fl-Artikolu 51.

4. Meta r-rata ta' rifużjonijiet tkun iddeterminata bl-istedina biex isiru offerti u l-kuntratt relevanti jistipula destinazzjoni obbligatorja, kwalunkwe rifużjonijiet perjodiċi stabbiliti jew il-fatt li l-ebda rifużjonijiet bħal dawn ma jkunu ġew stabbiliti għal dik id-destinazzjoni fid-data tal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni għal-liċenzja jew fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni m'għandhiex tiġi kkunsidrata biex tiġi ddeterminata l-anqas rata tar-rifużjonijiet.

Artikolu 19

1. Il-paragrafi 2 sa 5 għandhom japplikaw meta prodott jiġi esportat permezz ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni jew ta' ċertifikat ta' iffissar bil-quddiem li jistipula destinazzjoni obligatorja.

2. Meta prodott ma jasalx fid-destinazzjoni obligatorja, għandha titħallas biss dik il-parti tar-rifużjonijiet li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 (2).

3. Meta, għal raġunijiet ta' *force majeure*, il-prodott jiġi mwasssal f'destinazzjoni li ma tkunx dik li għaliha tkun inħarġet il-liċenzja ta' l-esportazzjoni, ir-rifużjonijiet għandhom jitħallsu ma' l-applikazzjoni mill-esportatur jekk hu jġib prova ta' *force majeure* u prova tal-wasla tal-prodott fid-destinazzjoni; il-prova tal-wasla fid-destinazzjoni għandha tiġi pprovduta skond l-Artikoli 15 u 16.

4. Fejn japplika l-paragrafu 3, ir-rifużjonijiet applikabbli għandhom ikun egwali għar-rifużjonijiet stabbiliti għad-destinazzjoni attwali, imma ma jistgħux ikunu ogħla minn dawk applikabbli għad-destinazzjoni mmarkati fil-kaxxa 7 tal-liċenzja maħruġa b'iffissar'il quddiem tar-rifużjonijiet.

Ir-rati tar-rifużjonijiet għandhom jiġu aġġustati, meta applikabbli, fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni jew tad-dikjarazzjoni tal-pagament.

5. Biex jikkwalifikaw għal rifużjonijiet iffissati bil-quddiem, meta prodott jiġi esportat permezz ta' liċenzja maħruġa permezz ta' l-Artikolu 44 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 u r-rifużjonijiet ivarjaw skond id-destinazzjoni, l-esportatur għandu jipprovdi prova, b'żieda ma' dik meħtieġa permezz ta' l-Artikolu 16, li dak il-prodott kien ġie mwassal fil-pajjiż terz ta' l-importazzjoni lill-korp speċifikat fl-istedina għall-offerti li għaliha tirreferi l-liċenzja.

Sezzjoni 3

Miżuri speċifiċi ta' protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

Artikolu 20

1. Meta:

(a) ikun hemm dubju serju rigward id-destinazzjoni vera tal-prodott;

jew

(b) minħabba d-differenza bejn l-ammont tar-rifużjonijiet fuq il-prodott esportat u l-ammont tad-dazju ta' importazzjoni mhux-preferenzjali applikabbli fuq prodott identiku fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, il-prodott jista' jiġi impurtat mill-ġdid fil-Komunità,

jew

(ċ) ikun hemm suspetti serji li l-prodott, fl-istat mhux mibdul tiegħu jew wara li jkun ġie pproċessat f'pajjiż terz, ikun ġie impurtat mill-ġdid fil-Komunità mingħajr dazju jew b'rata ta' dazju mnaqqas;

ir-rata waħdanija tar-rifużjonijiet jew tal-parti tar-rifużjonijiet imsemmija fl-Artikolu 18 (2) għandha titħallas biss jekk il-prodott ikun ħalla t-territorju doganali tal-Komunità skond l-Artikolu 7, u,

(i) fil-każ ta' rifużjonijiet mhux-differenzjati, il-prodott ikun ġie impurtat f'pajjiż terz ma' tul it-12-il xahar li jsegwu d-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni jew li jkun għadda minn proċessar jew xogħol sostanzjali ma' tul dan il-perijodu skond l-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92

(ii) fil-każ ta' rifużjonijiet differenzjati skond id-destinazzjoni, il-prodott ikun ġie impurtat fl-istat mhux mibdul tiegħu f'pajjiż terz speċifiku fi żmien it-12-il xahar mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni.

L-Artikoli 15 u 16 għandhom japplikaw għall-importazzjoni f'pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jitolbu evidenza addizzjonali għar-rifużjonijiet kollha li jagħtu prova għas-sodisfazzjon tagħhom li l-prodott ikun attwalment tqiegħed fuq is-suq fil-pajjiż terz ta' l-importazzjoni jew li jkun għadda minn proċessar jew xogħol sostanzjali skond l-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Żmien addizzjonali jista' jingħata skond il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 49.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-paragrafu 1 fuq l-inizjattiva tagħhom stess u wkoll fuq talba mill-Kummissjoni.

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-każ maħsub fil-punt (b) tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw jekk iċ-ċirkostanzi konkreti tat-tranżazzjoni f'dak il-każ, -meta b'mod partikolari jiġu kkunsidrati l-ispejjeż tat-trasport - li probabbilment jeskludu r-riskju ta' l-importazzjoni mill-ġdid. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux japplikawhom meta l-ammont tar-rifużjonijiet jkun egwali għal jew anqas minn EUR 500 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni kkonċernata.

3. Fejn japplika l-paragrafu 1 u l-prodott, wara li jitlaq mit-territorju doganali tal-Komunità, ikun tħassar waqt it-tranżitu jew bħala riżultat ta' *force majeure;*

— fil-każ ta' rifużjonijiet mhux differenzjati, għandhom jitħallsu r-rifużjonijiet totali,

— fil-każ ta' rifużjonijiet differenzjati, għandha titħallas il-parti tar-rifużjonijiet stabbilita skond l-Artikolu 18.

4. Il-paragrafu 1 għandu jkun applikabbli qabel ma jkunu tħallsu r-rifużjonijiet.

B'dana kollu, ir-rifużjonijiet għandhom ikunu meqjusa bħala li m'humiex iġġustifikati u għandhom jitħallsu lura jekkukoll wara li r-rifużjonijiet ikunu ġew imħallsa, l-awtoritajiet kompetenti jsibu:

(a) li l-prodott kien ġie meqrud jew li kien sofra l-ħsara qabel ma ġie mqiegħed fuq is-suq ta' pajjiż terz jew qabel ma kien sar fuqu xogħol jew proċessar sostanzjali skond l-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, f'pajjiż terz, sa kemm l-esportatur ma' jkunx jista' jagħti prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti li l-esportazzjoni kienet saret taħt kundizzjonijiet ekonomiċi tali li l-prodott seta' raġonevolment jiġi kummerċjalizzat f'pajjiż terz mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 21(2);

(b) li l-prodott kien ġie mqiegħed taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju f'pajjiż terz, 12-il xahar wara d-data ta' l-esportazzjoni mill-Komunità, mingħajr ma jkun għadda, f'pajjiż terz, minn xi proċessar jew xogħol sostanzjali skond l-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u li l-esportazzjoni ma kinitx ġiet imwettqa bħala tranżazzjoni kummerċjali normali;

(ċ) li l-prodott esportat ikun impurtat mill-ġdid fil-Komunità mingħajr ma jkun għadda minn proċessar jew xogħol sostanzjali fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, li d-dazju mhux-preferenzjali fuq l-importazzjoni jkun anqas minn dak tar-rifużjonijiet mogħtija, u li l-esportazzjoni kienet twettqet bħala tranżazzjoni kummerċjali normali;

(d) li l-prodotti elenkati fl-Anness V jiġu impurtati lura fil-Komunità:

— wara li jkunu għaddew minn xogħol jew proċessar f'pajjiż terz mingħajr ma jkunu akkwistaw il-livell tal-proċessar previst fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, u

— ikollhom dazji ta' importazzjoni mnaqqsa jew dazju ta' importazzjoni b'rata żero u mhux rata preferenzjali.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien jekk isibu li l-prodotti apparti minn dawk inklużi fl-Anness V jistgħu joħolqu bdil fid-direzzjoni tal-kummerċ.

Il-punti (ċ) u (d) m'għandhomx ikunu applikabbli fil-każijiet meta l-Kapitolu 2 ("Oġġetti mibgħuta lura") tat-Titolu VI tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jkunu japplikaw, jew meta l-prodotti jiġu importati lura mill-inqas sentejn wara l-jum ta' l-esportazzjoni.

L-Artikolu 51 m'għandux japplika għal dawk il-każijiet imsemmija fil-punti (b), (ċ) u (d).

Sezzjoni 4

Każijiet fejn ma tingħata l-ebda rifużjonit

Artikolu 21

1. L-ebda rifużjoni m'għandha tingħata fuq prodotti li ma jkunux ta' kwalità tajba u ġusta biex jitpoġġew fuq is-suq fid-data li fiha d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tiġiaċċettata.

Il-prodotti għandhom jiġu meqjusa li jissodisfaw il-ħtiġiet stabbilit fl-ewwel subparagrafu jekk dawn ikunu jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq fit-territorju tal-Komunità taħt kondizzjonijiet normali permezz tad-deskrizzjoni li tkun tidher fuq l-applikazzjoni għar-rifużjonijiet u jekk, fejn dawn il-prodotti huma intenzjonati għal konsum uman, l-użu tagħhom għal dak l-għan ma jkunx eskluż jew sostanzjalment imfixkel minħabba l-karatteristiċi jew il-kondizzjoni tagħhom.

Il-konformità tal-prodotti mal-ħtiġiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandha tkun eżaminata skond l-*istandards* jew il-prattiċi eżistenti fil-Komunità.

B'dana kollu, ir-rifużjonijiet għandhom ukoll jingħataw meta, fil-pajjiż tad-destinazzjoni, il-prodotti esportati jkunu suġġetti għal kondizzjonijiet obligatorji, partikolarment kondizzjonijiet dwar is-saħħa u l-iġjene, li ma jkunux konformi ma' l-*istandards* jew il-prattiċi eżistenti ġewwa l-Komunità. Għandha tkun ir-responsabbilità ta' l-esportatur, fuq talba mill-awtorità kompetenti, li jagħti prova li l-prodotti jkunu konformi mal-kondizzjonijiet obligatorji eżistenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni.

Barra minn hekk, jistgħu jiġu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti.

2. Meta prodott ikun ta' kwalità tajba u ġusta biex jitqiegħed fuq is-suq malli jħalli l-Komunità, għandu jkun intitolat għal dik il-parti tar-rifużjonijiet kkalkolata skond l-Artikolu 18 (2), barra fejn japplika l-Artikolu 20.. B'dana kollu, għandu jitlef dak l-intitolament jekk ikun hemm evidenza li l-prodott:

— ma jkunx aktar ta' kwalità tajba u ġusta għat-tqegħid fuq is-suq minħabba difett moħbi li jfeġġ aktar tard,

— ma jkunx jista' jiġi mibjugħ lill-konsumatur finali minħabba li d-data finali tal-konsum kienet qrib wisq tad-data ta' l-esportazzjoni.

Jekk ikun hemm evidenza li l-prodott ma jkunx aktar ta' kwalità tajba u ġusta għat-tqegħid fuq is-suq qabel ma jkunu twettqu il-formalitajiet doganali għall-importazzjoni f'pajjiż terz, m'għandux ikun intitolat għall-parti differenzjata tar-rifużjonijiet.

3. L-ebda rifużjonijiet m'għandhom jingħataw fuq prodotti li jeċċedu l-livelli massimi tar-radjo-attività permissibbli permezz tal-leġislazzjoni tal-Komunità. Il-livelli applikabbli dwar prodotti, irrespettivament mill-oriġini tagħhom, għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 737/90 ([1]).

Artikolu 22

1. L-ebda rifużjonijiet m'għandhom jingħataw fuq l-esportazzjoni li tkun suġġetta għal impost ta' l-esportazzjoni jew għal xi piż ieħor fuq l-esportazzjoni stabbilit bil-quddiem jew iddeterminat bl-offerta.

2. Meta, fil-każ tal-prodott kompost, l-impost ta' l-esportazzjoni jew xi piż ieħor fuq l-esportazzjoni jiġi ffissat bil-quddiem fuq il-bażi ta' wieħed jew aktar mill-ingredjenti tal-prodott, l-ebda rifużjonijiet m'għandhom jingħataw fuq dak l-ingredjent jew dawk l-ingredjenti.

Artikolu 23

L-ebda rifużjonijiet m'għandhom jingħataw fuq prodotti li jkunu mibjugħa jew imqassma abbord vapuri u fejn hemm possibbiltà li dawn jistgħu sussegwentement jiddaħħlu mill-ġdid fil-Komunità ħielsa mid-dazju bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 ([2]).

KAPITOLU 2

Avvanzi fuq rifużjonijiet

Artikolu 24

1. Ma' l-applikazzjoni mill-esportatur, l-Istati Membri għandhom iħallsu r-rifużjonijiet bil-quddiem, kollha kemm huma jew parti minnhom, la darba d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun ġiet aċċettata, bil-kondizzjoni li garanzija ekwivalenti għall-ammont avvanzat, flimkien ma' 10 %, tkun ġiet ippreżentata

([1]) ĠU L 82, tad-29.3.1990, p.1.
([2]) ĠU L 105, tat-23.4.1983, p. 1.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal avvanz fuq parti tar-rifużjonijiet.

2. L-ammont li għandu jitħallas bil-quddiem għandu jiġi kkalkolat bl-użu tar-rata tar-rifużjonijiet applikabbli għad-destinazzjoni ddikjarata, aġġustata, meta applikabbli, bl-ammonti l-oħra previsti fir-regolamenti tal-Komunità.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx il-paragrafu 1 jekk l-ammont li għandu jitħallas ma jkunx jeċċedi EUR 2 000.

Artikolu 25

1. Meta l-ammont imħallas bil-quddiem ikun aktar minn dak attwalment pagabbli fuq l-esportazzjoni jew l-esportazzjoni ekwivalenti, l-awtorità kompetenti għandha tagħti bidu, mingħajr dewmien, għall-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 bl-iskop ta' ħlas lura, mill-esportatur, tad-differenza bejn dawk iż-żewġ somom, miżjuda b'10 %.

Meta, b'dana kollu, għal raġunijiet ta' *force majeure:*

— il-prova li għandha tiġi provduta permezz ta' dan ir-Regolament sabiex jikkwalifika għal rifużjonijiet ma tistax tiġi pprovduta,

jew

— il-prodott jasal f'destinazzjoni li ma tkunx dik li għaliha l-avvanz kien ġie kkalkolat,

l-10 % żejda m'għandhomx ikunu rkuprati.

2. Meta l-prodott ma jasalx fid-destinazzjoni li dwarha l-avvanz kien ġie kkalkolat minħabbba xi irrogolarità mwettqa minn xi parti terza għad-detriment ta' l-esportatur, u dan immedjatament jinforma lill-awtoritajiet kompetenti b'dan il-fatt bl-inizjattiva tiegħu stess u bil-miktub, il-ħlas lura tar-rifużjonijiet imħallsa bil-quddiem, iż-żieda li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha tkun illimitata għall-imgħax pagabbli għall-perjodu li jkun skada bejn l-akkwist ta' l-avvanz u l-ħlas lura tiegħu, ikkalkolat bi qbil mar-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 52 (1).

Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu diġà nnotifikaw lill-esportatur bl-intenzjoni tagħhom li jwettqu verifika jew jekk l-esportatur ikun sar konxju b'xi mod ieħor ta' l-intenzjoni tagħhom.

3. L-esportazzjoni, wara l-importazzjoni mill-ġdid tas-sistema ta' l-oġġetti mibgħuta lura, ta' prodotti ekwivalenti li jidħlu taħt l-istess sub-intestatura tan-Nomeniklatura Magħquda għandhom ikunu meqjusa bħala esportazzjoni ekwivalenti meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 40 (2)(a) u (b) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 ikunu mwettqa.

Din id-dispożizzjoni għandha tkun tapplika biss meta s-sistema ta' l-oġġetti mibgħuta lura tkun użata fl-Istat Membru li fih id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni li tkopri l-esportazzjoni oriġinali tkun ġiet aċċettata.

KAPITOLU 3

Finanzjament bil-quddiem tar-rifużjonijiet

Artikolu 26

1. Meta l-esportatur jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jesporta l-prodotti wara proċesssar jew ħażna u li japplika għal rifużjonijiet skond l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80 l-eliġibbiltà permezz ta' dawk id-dispożizzjonijiet għandha tkun ikkondizzjonata fuq il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni, minn hawn 'il quddiem irreferuta bħala id-"dikjarazzjoni tal-pagament" lill-awtoritajiet doganali

L-Istati Membri jistgħu jsejħu d-dikjarazzjoni tal-pagament b'xi titolu ieħor.

2. Id-dikjarazzjonijiet tal-pagament għandhom jinkludu l-partikolaritajiet kollha meħtieġa għad-determinazzjoni tar-rifużjonijiet fuq il-prodotti li għandhom jiġu esportati, u partikolarment:

(a) għal prodotti:

— deskrizzjoni, ssimplifikata fejn xieraq, tal-prodotti skond in-nomeniklatura tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, flimkien mal-kodiċi tan-nomenklatura tar-rifużjonijiet u, meta meħtieġ biex ikunu kkalkolati r-rifużjonijiet, il-kompożizzjoni tal-prodotti kkonċernati jew ta' referenza dwarhom,

— il-kwantità netta tal-prodotti jew, meta applikabbli, il-kwantità espressa fl-unità tal-kejl li għandha tkun użata meta ssir il-kalkolazzjoni tar-rifużjonijiet;

(b) id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1222/94 għandhom japplikaw għall-oġġetti.

Barra minn hekk, fil-każijiet fejn l-prodotti bażiċi għandhom jiġu proċessati, dikjarazzjonijiet tal-pagamenti għandhom jinkludu:

— deskrizzjoni tal-prodotti bażiċi,

— il-kwalità tal-prodotti bażiċi,

— ir-rata ta'produzzjoni jew informazzjoni simili.

3. Independentement mill-paragrafu 2, deskrizzjoni proviżorja ta' l-oġġetti li għandhom jiġu ottenuti mill-prodotti bażiċi tista', meta ċ-ċirkostanza hekk tkun teħtieġ u fuq it-talba ta' l-esportatur, tkun inkluża fid-dikjarazzjoni tal-pagamenti. F'każijiet bħal dawn, l-esportatur għandu jiddikjara d-deskrizzjoni definittiva l lill-awtoritajiet kompetenti meta l-proċessar ikunsar.

4. Id-dikjarazzjoni tal-pagamenti għandha wkoll tindika l-użu jew id-destinazzjoni tal-prodotti:

(a) meta l-esportatur japplika għal pagament ta' ammont egwali tar-rifużjonijiet applikabbli għall-użu jew id-destinazzjoni li għalihom il-prodotti huma intenzjonati;

(b) meta l-użu jew id-destinazzjoni tkun meħtieġa biex jiġi ddeterminat il-perjodu li fih il-prodotti jkunu jistgħu jibqgħu taħt il-kontroll doganali għal proċessar jew taħt ħażna doganali jew taħt proċedura ta' żona-ħielsa.

5. L-użu jew id-destinazzjoni għandhom ikunu indikati bi:

— l-użu speċifiku jew il-pajjiż speċifiku tad-destinazzjoni, jew

— grupp ta' pajjiżi tad-destinazzjoni li għalihom tapplika l-istess rata ta' rifużjoni.

6. Sabiex jiġiassigurat li verifiki fiżiċi jistgħu jsiru fuq il-prodotti, id-dikjarazzjonijiet tal-pagamenti għandhom ukoll jinkludu d-dettalji kollha meħtieġa biex jiġu identifikati l-lokalitajiet ezatti ta' fejn il-prodotti għandhom jiġu pproċessati jew maħżuna qabel l-esportazzjoni. Tibdil fil-post tal-ħażna jew ta' l-ipproċessar għandu, jew jiġi nnotifikat bil-quddiem mill-esportatur, inkella, miktub f'reġistri miżmuma għal dan l-iskop, skond ma jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 27

1. Fil-waqt ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-pagament, il-prodotti għandhom jitqiegħdu taħt kontroll doganali skond l-Artikolu 4 (13) u (14) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 sa kemm dawn jitilqu mit-territorju doganali tal-Komunità jew sakemm jaslu fid-destinazzjoni tagħhom.

2. Id-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-pagament għandha tiddetermina:

(a) ir-rata tar-rifużjonijiet applikabbli, meta r-rifużjonijiet ma jkunux iffissati bil-quddiem,

(b) xi aġġustamenti li għandhom isiru għar-rata tar-rifużjonijiet, meta din tkun ħekk iffissata bil-quddiem,

(ċ) l-avveniment operattiv tar-rata tal-kambju ta' l-euro, għar-rifużjonijiet.

Artikolu 28

1. Fil-każ ta' l-oġġetti pproċessati jew ta' l-oġġetti ottenuti minn prodotti bażiċi, ir-riżultati ta' l-iskrutinju tad-dikjarazzjoni tal-pagament u ta' xi spezzjoni tal-prodotti bażiċi għandha tiġi użata biex jiġu ddeterminati r-rifużjonijiet bl-iskop tal-pagament ta' l-avvanz.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprekludi xi verifika sussegwenti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat jew xi konsegwenzi ta' tali verifika permezz tad-dispożizzjonijiet eżistenti.

3. Il-prodotti bażiċi għandhom jikkostitwixxu t-total jew parti mill-prodotti pproċessati jew mill-oġġetti esportati permezz ta' dawn l-arranġamenti.

B'dana kollu, il-prodotti bażiċi maħżuna fi kwantitajiet kbar jistgħu, meta l-awtoritajiet kompetenti hekk jawtorizzaw, ikunu sostitwiti kollha kemm huma jew parzjalment bi prodotti bażiċi ekwivalenti li jidħlu fl-istess sub-intestatura ta' tmien-figuri tan-Nomenklatura Magħquda, ta' l-istess kwalità kummerċjali, li jkollhom l-istess karratteristiċi tekniċi u li jilħqu l-ħtiġiet għall-għoti ta' rifużjonijiet basta li l-prodotti bażiċi ekwivalenti jkunu mqiegħda taħt kontroll doganali.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jagħtu awtorizzazzjoni bħal din biss meta huma jkunu sodisfatti li l-operazzjoni intiera tkun saret skond il-kondizzjonijiet segwenti:

— l-esportatur għandu jinnotifika minn qabel lill-uffiċju tad-dwana kompetenti fejn ikun ippreżentata d-dikjarazzjoni tal-pagament bl-intenzjoni tiegħu li japplika biex jagħmel tali skambju u għandu jispeċifika l-postijiet preċiżi tal-ħażna u l-proċessi involuti,

— ir-reġistri ta' l-istokk ta' l-esportatur għandhom jiġu aġġornati kull jum u jippermettu monitoraġġ komprensiv, kemm amministrattiv u wkoll fiżiku, tal-kwantità totali tal-prodotti bażiċi jew tal-prodotti pproċessati li jkunu fiżikament preżenti f'dawn il-postijiet u ta' l-istatus partikolari tagħhom. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, l-istatus tal-prodotti għandu jfisser is-sitwazzjoni tagħhom, sew jekk ikunu f'ċirkolazzjoni ħielsa, taħt proċedura doganali, ta' l-arranġamenti ta' finanzjament bil-quddiem li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 26, jew taħt l-arranġamenti ta' esportazzjoni msemmija fl-Artikoli 5 u 32,

— il-garanziji għandhom jipprovdu li l-kwalità kummerċjali u l-karatteristiċi tekniċi tal-prodotti bażiċi tkun effettivament immonitorjata mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-pagament ma' tul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 34 (1).

Meta l-prodotti bażiċi ekwivalenti jkunu maħżuna f'postijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilità ta' uffiċċju doganali ieħor, l-uffiċċju doganali fejn tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni tal-pagament għandu jikteb lill-uffiċċju doganali kompetenti tal-post li fih il-prodotti ekwivalenti jkunu lokalizzati bl-informazzjoni relevanti kollha, partikolarment il-kwantità tal-prodotti pproċessati, il-kwalità kummerċjali tagħhom u l-karatteristċi tekniċi, u l-operazzjoni(ijiet) ta' l-ipproċessar li għandhomisiru.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, dwar il-prodotti bażiċi, jistgħu wkoll jiġu applikati għall-prodotti intermedjarji maħżuna fi kwantitajiet kbar, sostitwiti bi prodotti intermedjarji ekwivalenti.

5. Is-sostituzzjoni bi prodotti ekwivalenti m'għandhiex tiġi awtorizzata fil-każ ta' prodotti ta' intervent intenzjonati għall-esportazzjoni permezz tas-sistema ta' kontroll li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3002/92.

6. Prodotti bażiċi jistgħu jibqgħu taħt il-kontroll doganali, bl-iskop ta' proċessar, għal sitt xhur mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-pagament.

B'dana kollu, meta l-esportazzjoni sseħħ taħt liċenzja ta' l-esportazzjoni jew ta' ċertifikat ta' iffissar bil-quddiem, il-limitu taż-żmien għandu jkun egwali għat-terminu mhux skaduti tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat.

Meta l-esportazzjoni sseħħ permezz tal-koperta ta' liċenzja jew ta' ċertifikat ta' iffissar bil-quddiem b'terminu ta' validità li ma jkunx skada ta':

— anqas minn tliet xhur, il-limitu taż-żmien għandu jkun ta' tliet xhur,

— aktar minn sena waħda, il-limitu ta' żmien għandu jkun sena waħda.

Artikolu 29

1. Meta l-prodotti li jkunu taħt proċedura ta' magażżinaġġ doganali jew ta' żona-ħielsa għandhom ikunu esportati, ir-riżultati ta' l-iskrutinju tad-dikjarazzjoni tal-pagament u ta' xi spezzjoni tal-prodotti għandha tiġi użata biex jiġu ddeterminati r-rifużjonijiet.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprekludi xi verifika sussegwenti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat jew ta' xi konsegwenzi minn verifika bħal dik permezz tad-dispożizzjonijiet eżistenti.

3. Telf ta' piż minħabba kawżi naturali, li jseħħu ma' tul il-magażżinaġġ taħt il-proċedura ta' magażżinaġġ doganali jew ta' żona-ħielsa, m'għandux jirriżulta fis-sekwestru tal-garanzija skond ma hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 35. Ħsara lill-prodotti m'għandhiex tiġi meqjusa bħala telf tal-piż minħabba kawżi naturali.

4. Prodotti taħt proċedura ta' magażżinaġġ doganali jew ta' żona-ħielsa jistgħu jgħaddu mill-operazzjonijiet segwenti f'dawk il-postijiet skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti:

(a) *stocktaking*;

(b) it-twaħħil ta' marki, siġilli, tikketti jew sinjali oħra simili li jiddistingwu l-prodotti jew l-oġġetti jew l-ippakkjar tagħhom, sakemm dan ma jkunx jinvolvi r-riskju li jiġi jimplika li l-prodotti kienu joriġinaw minn x'imkien ieħor;

(ċ) it-tibdil tal-marki u n-numri fuq il-pakketti jew it-tibdil tat-tikketti, sakemm dan ma jkunx jinvolvi r-riskju li jiġi implikat li l-prodotti kienu joriġinaw minn x'imkien ieħor;

(d) l-ippakkjar, it-tneħħija mill-pakketti, it-tibdil tal-pakketti jew it-tiswijja tal-pakketti, sakemm dan ma jkunx jinvolvi r-riskju li jiġi implikat li l-prodotti kienu joriġinaw minn x'imkien ieħor;

(e) ventilazzjoni;

(f) tkessieħ;

(g) iffriżar.

Kwalunkwe rifużjonijiet fuq prodotti li jkunu għaddew minn operazzjonijiet imsemmija hawn fuq għandhom jiġu ddeterminati fuq il-bażi tal-kwalità, tat-tip, u tal-karatteristiċi tal-prodotti fid-data użata għal kalkolazzjoni tar-rifużjonijiet, skond l-Artikolu 27.

5. Il-prodotti jistgħu jibqgħu taħt il-proċedura ta' magażżinaġġ doganali jew ta' żona-ħielsa għal sitt xhur mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-pagament.

Artikolu 30

1. Il-prodotti mpoġġija taħt il-proċedura ta' magażżinaġġ doganali fl-Istat Membru ta' fejn id-dikjarazzjoni tal-pagament tkun ġiet aċċettata jistgħu jinġarru lejn Stat Membru ieħor għal ħażna permezz tal-proċedura ta' magażżinaġġ doganali u għandhom ikunu suġġetti partikolarment għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Sabiex ikunu identifikati l-prodotti mad-dispaċċ minn Stat Membru wieħed lejn ieħor, il-mezzz tat-trasport jew il-pakketti użati għat-trasport għandhom ikunu ssiġillati bi qbil ma' l-Artikolu 349 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

2. Fil-każijiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1, prova li l-prodotti jkunu telqu mit-territorju doganli tal-Komunità jew li jkunu laħqu d-destinazzjoni stabbilita, għandha tkun fornuta bil-preżentazzjoni tal-kopja tal-kontroll T5.

(a) Il-kaxxa 104 tal-kopja tal-kontroll għandha tkun mimlija b'waħda min-notazzjonijiet segwenti taħt l-intestatura "Oħrajn"

— Prefinanciación de la restitución – Artículo 30 del Reglamento (CE) nº 800/1999. Declaración de exportación que debe ser presentada, a más tardar, el... (fecha límite establecida para el plazo contemplado en el apartado 5 del artículo 29),

— Forudbetaling af restitutionen – Artikel 30 i forordning (EF) nr. 800/1999. Udførselsangivelsen skal indgives senest den... (dato fastsat i overensstemmelse med den i artikel 29, stk. 5, omhandlede frist),

— Vorfinanzierung der Erstattung – Artikel 30 der Verordnung (EG) Nr. 800/1999. Die Ausfuhranmeldung ist bis spätestens... vorzulegen (durch die Frist gemäß Artikel 29 Absatz 5 festgelegter Schlußtermin),

— Εκ των προτέρων πληρωμή της επιστροφής — κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 800/1999, άρθρο 30. Η δήλωση εξαγωγής πρέπει να κατατεθείτο αργότερο μέχρι... (ημερομηνία λήξεως της προθεσμίας που αναφέρεται στο άρθρο 29 παράγραφος 5),

— Prefinancing of the refund – Regulation (EC) No 800/1999, Article 30. Export declaration to be lodged by (deadline set by the timelimit referred to in Article29(5))

— Préfinancement de la restitution – règlement (CE) nº 800/1999, article 30. Déclaration d'exportation à déposer au plus tard le... (date limite fixée par le délai visé à l'article 29, paragraphe 5),

— Prefinanziamento della restituzione – Regolamento (CE) n. 800/1999, articolo 30. Dichiarazione d'esportazione da presentare entro il... (data limite fissata in base ai termini indicati al paragrafo 5 dell'articolo 29),

— Voorfinanciering van de restitutie – Verordening (EG) nr. 800/1999, artikel 30. Aangifte ten uitvoer moet uiterlijk worden ingediend op... (uiterste datum vastgesteld op basis van de in artikel 29, lid 5 bedoelde termijn),

— Préfinanciamento da restituição – Regulamento (CE) n.º 800/1999, artigo 30.º. Apresentação da declaração de exportação o mais tardar em... (data-limite fixada pelo prazo referido no n.º 5 do artigo 29.º),

— Ennakolta maksettu tuki – asetuksen (EY) N:o 800/1999 30 artiklane, vienti-ilmoitus annettava viimeistään... (määräpäivä vahvistetaan 29 artiklan 5 kohdassa mainitun aikarajoituksen mukaisesti),

— Förfinansiering av exportbidrag ± artikel 30 i förordning (EG) nr 800/1999. Exportdeklaration skall ges in senast den... (tidspunkt fastställd enligt den i artikel 29.5 angivna tidsfristen).

(b) L-uffiċċju tas-sorveljanza tal-magażżinaġġ tal-ħażna għandu jżomm il-kopja tal-kontrol T5 u għandu jikteb taħt l-intestatura "Rimarki" fis-sezzjoni intestata "Kontroll ta' l-użu u/jew tad-destinazzjoni" fuq in-naħa ta' wara, dawn il-kitbiet:

— La fecha de aceptación de la declaración de exportación:...

— La fecha de salida del territorio aduanero o la de llegada al destino correspondiente:...

— Datoen for antagelsen af udførselsangivelsen:...

— Datoen for udgangen af toldområdet eller ankomsten til destinationen:...

— Zeitpunkt der Annahme der Ausfuhranmeldung:...

— Zeitpunkt der Verlassens des Zollgebiets oder des Erreichens der Bestimmung:...

— την ημερομηνία αποδοχής της διασάφησης εξαγωγής: …

— την ημερομηνία εξόδου από το τελωνειακό έδαφος ή αφίξεως στον προορισμό: …

— Date of acceptance of the export declaration:...

— Date of exit from the customs territory or arrival at destination:...

— La date d'acceptation de la déclaration d'exportation:...

— La date de sortie du territoire douanier ou de l'arrivée à destination:...

— La data di accettazione della dichirazione d'esportazione:...

— La data di uscita dal territorio doganale o dell'arrivo a destinazione:...

— De datum van aanvaarding van de aangifte ten uitvoer:...

— De datum waarop de producten of goederen het douanegebied hebben verlaten of ter bestemming zijn aangekomen:...

— Data de aceitação da declaração de exportação:...

— Data de saída do território aduaneiro ou da chegada ao destino:...

— Vienti-ilmoituksen vastaanottopäivämäärä:...

— Päivä, jona viety tullialueelta tai saapunt määräpaikkaan:...

— Mottagninsdag for exportdeklaration:...

— Utförseldag från tullområdet eller ankomstdag till destinationen:...

(ċ) Meta, wara t-tneħħija tagħhom mill-ħażna, il-prodotti jaqsmu l-fruntiera ta' Stat Membru ieħor għall-iskop ta' esportazzjoni jew biex jilħqu d-destinazzjoni speċifikata, l-ewwel uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jagħixxi bħala l-uffiċċju tad-dwana tat-tluq u għandu jimla jew jara li jiġu mimlija taħt ir-responsabbilità tiegħu, waħda jew aktar kopji ġodda ta' kontroll T5.

Il-kaxxa 104 tal-kopja jew il-kopji ġodda tal-kontroll T5 għandha tkun immarka kif meħtieġ. B'żieda, in-numru tal-kopja tal-kontroll T5 inizjali għandu jitniżżel fil-kaxxa 106, flimkien ma' l-isem ta' l-uffiċċju doganali li jkun ħare dik il-kopja u d-data tal-ħruġ.

Meta l-annotazzjoni tkun trid issir fis-sezzjoni intestata "Kontroll ta' l-użu u/jew tad-destinazzjoni" fuq il-kopja tal-kontroll T5 inizjali tkun ibbażata fuq informazzjoni minn kopji ta' kontroll li jkunu waslu minn għand l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru ieħor jew ta' dokumenti nazzjonali li jkunu waslu minn għand l-awtoritajiet nazzjonali oħra, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jimmarka taħt "Rimarki" in-numru(i) tal-kopji ta' kontroll T5 relevanti fuq id-dokumenti nazzjonali.

Meta parti biss tal-prodotti koperti mill-kopja tal-kontroll T5 ikunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jikteb il-kwantitajiet ta' prodotti li jkunu jissodisfaw dawk il-kondizzjonijiet, fis-sezzjoni intestata "Kontroll ta' l-użu u/jew tad-destinazzjoni" fuq il-kopja ta' kontroll.

3. Fil-każijietimsemmija fil-paragrafu 1, il-kaxxi 37 u 40 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandhom jiġu mimlija kif xieraq. Id-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ĊOM 7 għandha wkoll tkun indikata fil-kaxxa 40.

Artikolu 31

1. Avvanzi fuq rifużjonijiet għandhom jitħallsu biss fuq talba speċifika ta' l-esportatur u mill-Istat Membru li fih id-dikjarazzjoni tal-pagament tiġi aċċettata.

L-applikazzjoni għar-rifużjonijiet għandhom isiru:

(a) bil-kitba; l-Istati Membri jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet għal formula speċjali għal dak l-għan; jew

(b) bi trasmissjoni minn kompjuter skond ir-regoli stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti.

Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, l-Artikolu 199 (2) u (3) u l-Artikoli 222, 223, u 224 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandhom ukoll ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

2. L-ammont ta' avvanz għandu jiġi kkalkolat fuq ir-rata bażika applikabbli għal kwalunkwe użu jew destinazzjoni speċifikata. Fil-każijiet l-oħra, l-ammont ikkalkolat skond ma' l-Artikolu 18 (2) għandu japplika.

Artikolu 32

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni għandha tiġi ppreżentata sa l-aħħar jum tat-terminu stabbiliti fl-Artikoli 28 (6) u 29 (5) fl-Istat Membru li fih id-dikjarazzjoni tal-pagament jiġi aċċettat jew fejn japplika l-Artikolu 30 fl-Istat Membru tal-ħażna.

2. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, il-Belġju u l-Lussemburgu għandhom ikunu meqjusa bħala Stat Membru wieħed f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80.

Artikolu 33

1. Garanzija egwali ta' l-ammont ikkalkolat skond l-Artikolu 31 (2), flimkien ma 15 %, għandhom jiġu ppreżentati qabel l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-pagament.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu garanziji kif hemm provdut fil-Paragrafu 1 li jkunu ppreżentati wara li d-dikjarazzjoni tal-pagment tiġi aċċettata, basta li d-dispożizzjonijiet nazzjonali:

— jirrikjedu li l-esportatur jippreżenta l-garanzija fi żmien 30 jum ta' din l-aċċettazzjoni u qabel ma jitħallas l-avvanz,

— jassiguraw il-pagament ta' ammont egwali għaż-żieda li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 meta l-garanzija ma tkunx ippreżentata matul it-terminu taż-żmien, ħlief fil-każijiet ta' *force majeure;* b'dana kollu, aktar żmien jista' jingħata jekk l-esportatur ikun ħa l-prekwazzjonijiet meħtieġa kollha.

Artikolu 34

1. Fi żmien 60 jum mid-data li fiha tieqaf l-applikazzjoni ta' kwalunkwe proċedura msemmija fl-Artikolu 4 jew 5 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80 għall-prodotti, dawn għandhom:

— iħallu t-territorju doganali tal-Komunità fl-istat mhux mibdul tagħha,

jew

— fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 36 (1), ta' dan ir-Regolament, jaslu fid-destinazzjoni tagħhom fl-istat mhux mibdul tagħhom.

2. L-Artikoli 7 (3) u (4), 9 u 10 għandhom japplikaw fil-każijiet koperti bil-paragrafu 1.

Artikolu 35

1. Meta prova ta' l-intitolament għal rifużjonijiet tiġi provduta fir-rigward ta' prodotti eliġibbli permezz ta' dan il-kapitolu, l-avvanz u s-somma pagabbli għandhom ikunu bbilanċjati kontra xulxin. Meta s-somma dovuta fuq il-kwantitajiet esportati tkun għola minn dik imħallsa bil-quddiem, id-differenza għandha titħallas lill-persuna kkonċernata.

Meta s-somma dovuta fuq il-kwantità esportata tkun aktar baxxa minn dik imħallsa bil-quddiem, u partikolarment meta l-paragrafu 2 ikun japplika, l-awtorità kompetenti għandha tagħti bidu, mingħajr dewmien, għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 bl-iskop tal-ħlas lura, mill-esportatur, tad-differenza bejn dawk iż-żewġ somom, miżjuda bi 15 %.

2. B'deroga mill-Artikolu 50 u mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta wieħed jew aktar mit-termini taż-żmien stabbilit f'dan ir-Regolament ma jkunux ġew osservati, ir-rifużjonijiet pagabbli fuq l-esportazzjoni f'dak il-każ, ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, għandhom jiġu aġġustati kif ġej:

— għandhom l-ewwel ikunu mnaqqsa bi 15 % meta wieħed jew aktar mit-termini taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 15 (1), 28 (6), 29 (5) u 34 (1) ikunu ġewmaqbuża; dawn ir-rifużjonijiet mnaqqsa għandhom jiġu mnaqqsa bi 2 % għal kull jum li bih jiġu maqbuża t-terminu taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 15 (1),28 (6) u 29 (5) u bi 5 % għal kull jum li bih jinqabeż it-terminu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 34 (1),

— meta d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 49 (2) jkunu ppreżentati fi żmien sitt xhur mit-termini taż-żmien stabbiliti, ir-rifużjonijiet aġġustati applikabbli skond l-ewwel subinċiż, għandhom jiġu mnaqqqsa b'ammont egwali għal 15 % tar-rifużjonijiet li kienu jitħallsu li kieku it-termini taż-żmien kienu osservati.

L-Artikolu 50 (4) u (6) għandu japplika *mutatis mutandis*.

3. Meta, għal raġunijiet ta' *force majeure,* is-somma dovuta tkun anqas mis-somma mħallsa bil-quddiem, iż-żieda ta' 15 % m'għandhiex tapplika.

4. Meta l-prodott ma jasalx fid-destinazzjoni li għaliha jkun ġie kkalkolat l-avvanz minħabba xi irregolarità mwettqa minn xi parti terza għad-detriment ta' l-esportatur, u dan immedjetament jinforma lill-awtoritajiet kompetenti b'dan il-fatt bl-inizjattiva tiegħu stess u bil-miktub, u jħallas lura r-rifużjonijiet mħallsa bil-quddiem, iż-żieda msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkunlimitata għall-imgħax pagabbli għall-perjodu li jkun għadda bejn l-akkwist ta' l-avvanz u l-ħlas lura tiegħu, ikkalkolat skond ir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 52 (1).

Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu diġà nnotifikaw lill-esportatur bl-intenzjoni tagħhom li jwettqu verifika jew jekk l-esportatur ikun sar konxju b'xi mod ieħor ta' l-intenzjoni tagħhom.

TITOLU III

TIPI OĦRA TA' ESPORTAZZJONI U KAŻIJIET SPEĊJALI

KAPITOLU 1

Destinazzjonijiet trattati bħala esportazzjoni mill-Komunità, u fornitura

Artikolu 36

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, is-segwenti għandhom ikunu ttrattati bħala esportazzjoni mit-territorju doganali tal-Komunità:

(a) fornituri fil-Komunità għal provvistigħall-:

— vapuri li jsalpaw f'ibħra miftuħa,

— ajruplani fuq titjiriet internazzjonali, inklużi titjiriet intra-Komunitarji;

(b) fornituri għall-organizzazzjonijiet internazzjonali stabbiliti fil-Komunità;

(ċ) fornituri għall-forzi armati stazzjonati fuq it-territorju ta' Stat Membru, imma li ma jkunux iservu taħt il-kmand tiegħu.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun japplika biss meta l-importazzjoni ta' prodotti ta' l-istess tip minn pajjiżi terzi u intenzjonati għal dan it-tip ta' użu jkunu eżentati mid-dazji doganali ta' importazzjoni fl-Istat Membruin kwistjoni.

3. Kunsinni ta' prodotti lill-imħażen lokalizzati fi ħdan il-Komunità u li jappartjenu għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li jispeċjalizzaw f'għajnuna umanitarja bl-iskop ta' operazzjonijiet ta' għajnuna ta' ikel f'pajjiżi terzi għandhom jiġu meqjusa bħala esportazzjoni mit-territorju doganali tal-Komunità.

L-awtorizzazzjoni biex ikun japplika l-ewwel subparagrafu għandha tingħata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-ħażna, li għandu jiddetermina l-istatus doganali tal-maħżen u għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-prodotti kkonċernati jilħqu d-destinazzjoni tagħhom.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 għandhom japplikaw għal kunsinni koperti b'dan l-Artikolu.

Artikolu 37

1. Fil-każ tal-forniturimsemmija fl-Artikoli 36 u 44, l-Istati Membri jistgħu, independentement mill-Artikolu 5, jawtorizzaw il-proċedura segwenti li għandha tiġi segwita għall-pagament tar-rifużjonijiet. L-esportaturi awtorizzati biex isegwu din il-proċedura ma jistgħux fl-istess waqt isegwu l-proċedura normali fir-rigward ta' l-istess prodotti.

L-awtorizzazzjoni tista' tkun ristretta għal ċerti postijiet tat-tagħbija fl-Istat Membru ta' l-esportazzjoni. L-awtorizzazzjoni tista' tkopri t-tagħbija fi Stati Membri oħra, f'liema każ għandu jkun applikabbli l-Artikolu 8.

2. Għal prodotti mgħobbija kull xahar kif provdut f'dan fl-Artikolu, l-aħħar jum tax-xahar għandu jkun użat biex tkun iddeterminata r-rata tar-rifużjonijiet applikabbli u, fejn r-rifużjonijiet jkunu ffissati bil-quddiem, xi aġġustamenti għalihom.

Fil-każ ta' l-Istati Membri li ma jipparteċipawx fl-unjoni ekonomika u monetarja, l-aħħar jum tax-xahar għandu wkoll jiġi użat biex tiġi ddeterminata r-rata ta' l-euro fil-munita nazzjonali applikabbli għall-ammont tar-rifużjonijiet.

3. Meta r-rifużjonijiet jkunu ffissati bil-quddiem jew iddeterminati bi stedina għall-offerti, il-liċenzja għandha tkun valida fl-aħħar jum tax-xahar.

4. L-esportaturi għandhom iżommu reġistru li jkun fih din l-informazzjoni segwenti:

(a) il-partikolaritajiet meħtieġa biex ikunu identifikati l-prodotti bi qbil ma' l-Artikolu 5 (4);

(b) l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vapur(i) jew ajruplan(i) li fuqhom il-prodotti jkunu mgħobbija;

(ċ) id-data tat-tagħbija.

Id-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu miktuba fir-reġistru mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol li jsegwi dak tat-tagħbija. B'dana kollu, meta t-tagħbija titwettaq fi Stat Membru ieħor, il-partikolaritajiet imsemmija hawn fuq għandhom ikunu miktuba fir-reġistru mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol li jsegwi dak li fih l-esportatur kellu jkun ġie nnotifikat li l-prodotti kienu ġew mgħobbija.

L-esportaturi għandhom ukoll jikkoperaw fi kwalunkwe verifiki li l-Istati Membri jistgħu jħossu li jkunu meħtieġa u għandhom iżommu r-reġistri għal mill-anqas tliet snin mit-tmiem tas-sena kalendarja kurrenti.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li r-reġistri jistgħu jiġu sostitwiti bid-dokumenti użati għal kunsinni li fuqhom l-awtoritajiet doganali jkunu ċċertifikaw id-data tat-tagħbija.

6. Il-paragrafi 2 sa 5 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kunsinni kif imsemmi fl-Artikolu 36 (1) (b) u (ċ),

Artikolu 38

1. Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 36 (1) (a), il-prodotti intenzjonati għal kunsum abbord ajruplani jew vapuri tal-passiġieri, inklużi laneċ, u ppreparati qabel it-tagħbija għandhom ikunu meqjusa bħallikieku kienu ġew ippreparati abbord dawk il-mezzi.

2. Dan l-Artikolu għandu jkun japplika biss bil-kondizzjoni li, qabel il-preparazzjoni tagħhom, l-esportatur iforni evidenza suffiċjenti tal-kwalità, it-tip u l-karatteristiċi tal-prodotti bażiċi li għalihom ikunu ġew mitluba r-rifużjonijiet.

3. L-arranġamenti ta' l-imħażen ta' l-ikel kif hemm provdut fl-Artikolu 40 jistgħu japplikaw għal prodotti ppreparati kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 39

1. Ir-rifużjonijiet m'għandhomx jiġu mħallsa sa kemm il-prodotti li għalihom ikunu ġew aċċettati d-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni jkunu waslu fid-destinazzjoni koperta bl-Artikolu 36 fi stat mhux mibdul fi żmien 60 jum minn dik l-aċċettazzjoni.

2. L-Artikolu 7 (3) u (4), għandu japplika fil-każijiet previsti fil-paragrafu 1.

3. Jekk, qabel dawn ikunu waslu f'destinazzjoni koperta bl-Artikolu 36, il-prodott kopert b'dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni li tkun ġiet aċċettata jaqsam territorju tal-Komunità apparti minn dik ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun seħħet l-aċċettazzjoni, il-prova li l-prodott ikun wasal fid-destinazzjoni speċifikata għandha tkun fornuta permezz tal-kopja ta' kontroll T5.

Il-kaxxi 33, 103, 104 u, fejn xieraq, 105 tal-kopja tal-kontroll, *inter alia*, għandom ikunu mimlija. Il-kaxxa 104 għandha tkun endorsjata kif xieraq.

4. Il-formola 302, li takkumpanja l-prodotti kkonsenjati lill-forzi armati permezz ta' l-Artikolu 36 (1) (ċ) għandhom ikunu meqjusa bħal dawk tal-kopja ta' kontroll T5 li hemm imsemmija fil-paragrafu 3, basta li l-wasla tal-prodotti tkun iċċertifikata fuq il-formola mill-awtoritajiet militari kompetenti.

Artikolu 40

1. L-Istati Membri jistgħu jħallsu lill-esportaturi r-rifużjonijiet bil-quddiem permezz tal-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti hawn taħt meta evidenza tkun fornuta li l-prodotti jkunu ġew imqiegħda, fi żmien 30 jum mill-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni apparti fil-każijiet ta' *force majeure*, f'lokalitajiet suġġetti għal kontroll doganali bl-iskop tal-fornitura fil-Komunità ta':

— vapuri li jsalpaw f'ibħra miftuħa,

jew

— ajruplani fuq titjiriet internazzjonali, inklużi titjitiet intra-Komunitarji,

jew

— pjattaformi għat-tħafffir u l-estrazzjoni taż-żejt kif imsemmija fl-Artikolu 44.

Lokalitajiet suġġetti għal kontroll doganali, minn hawn 'il quddiem imsemmija 'imħażen ta' l- ikel', u dawk li jieħdu ħsieb l-imħażen għandhom ikunu speċjalment approvati għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu.

2. L-Istati Membri ta' fejn ikunu jinstabu l-imħażen ta' l-ikel għandhom jagħtu l-approvazzjoni tagħhom biss lil dawk li jieħdu ħsieb l-imħażen u l-imħażen ta' l-ikel li joffru l-garanziji meħtieġa. L-approvazzjoni tista' tiġi rtirata.

L-approvazzjoni għandha tiġi mogħtija biss lil dawk li jieħdu ħsieb l-imħażen li jintrabtu bil-miktub:

(a) li jqiegħdu l-prodotti fi stat mhux mibdul jew iffriżati u/jew wara li jiġu ppakkjati għal fornitura fi ħdan il-Komunità abbord:

— il-vapuri li jsalpaw f'ibħra miftuħa,

jew

— l-ajruplani fuq titjiriet internazzjonali, inklużi titjitiet intra-Komunitarji,

jew

— pjattaformi għat-tħaffir u l-estrazzjoni taż-żejt kif imsemmija fl-Artikolu 44;

(b) li jżommu reġistru li jiffaċilita biex l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu kwalunkwe verifika meħtieġa u li jindika partikolarment:

— id-data tad-dħul fil-maħżen ta' l-ikel,

— in-numri serjali tad-dokumenti doganali li jakkumpanjaw il-prodotti u kwalunkwe dettalji li jikkonċernaw lill-uffiċċju doganali.

— l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-prodotti bis-saħħa ta' l-Artikolu 5 (4),

— id-data li fiha l-prodotti joħorġu mill-maħżen ta' l-ikel,

— in-numri tar-reġistrazzjoni u l-ismijiet (jekk ikun hemm) tal-vapuri u l-ajruplani li fuqhom ikunu mgħobbija l-prodotti jew l-isem ta' xi maħżen li lejh ikunu trasferiti,

— id-data li fiha jkunu ġew mgħobbija abbord;

(ċ) li jżommu r-reġistru għal mill-anqas tliet snin mit-tmiem tas-sena kalendarja kurrenti;

(d) li jikkoperaw f'xi verifiki, u partikolarment il-verifiki perjodiċi, li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu li jkun xierqa, biex jivverifikaw il-konformità ma' dan il-paragrafu;

(e) li jħallsu kwalunkwe somma mitluba bħala ħlas lura tar-rifużjonijiet meta japplika l-Artikolu 42:

3. L-ammonti mħallsa lill-esportaturi bis-saħħa tal-paragrafu 1 għandhom ikunu miktuba bħala pagamenti fil-kontijiet tal-korp li jagħmel l-avvanz.

Artikolu 41

1. Meta dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun aċċettata fl-Istat Membru li fih il-maħżen tal-proviżjonijiet ikun lokalizzat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mad-dħul ta' l-oġġetti fil-maħżen ta' l-ikel, jikkonferma d-dokument nazzjonali użat biex ikun akwistat il-pagament bil-quddiem tar-rifużjonijiet bi stqarrija li l-prodotti jkunu konformi ma' l-Artikolu 40.

2. Meta d-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni jkunu aċċettati fi Stati Membri, apparti minn dawk li fih il-maħżen ta' likel jkun jinstab, prova li l-prodotti jkunu tqiegħdu fil-maħżen ta' l-ikel i għandha tkun fornuta permezz tal-kopja tal-kontroll T5.

Il-kaxxi 33, 103, 104 u, meta approprjat, 105 tal-kopja tal-kontroll T5, *inter alia*, għandhom ikunu mimlija. Il-kaxxa 104 tal-kopja tal-kontroll T5 għandha tkun mimlija b'waħda minn-notazzjonijiet segwenti taħt l-intestatura "Oħrajn":

— Depositado con entrega obligatoria para el abastecimiento — Aplicación del artículo 40 del Reglamento (CE) nº 800/1999,

— Anbringelse på oplag med obligatorisk levering til proviantering — anvendelse af artikel 40 i forordning (EF) nr. 800/1999,

— Einlagerung ins Varratslager mit Lieferpflicht zur Bevorratung — Artikel 40 der Verordnung (EG) Nr. 800/1999,

— Εναποθήκευση με υποχρεωτική παράδοση για τον ανεφοδιασμό — εφαρμογή του άρθρου 40 του κανονισμού ΕΚ Αριθ. 800/1999,

— Compulsory entry into warehouse for delivery for victualling — Article 40 of Regulation (EC) No 800/1999,

— Mise en entrepôt avec livraison obligatoire pour l'avitaillement — application de l'article 40 du règlement (CE) nº 800/1999,

— Deposito con consegna obbligatoria per l'approvvigionamento — applicazione dell'articolo 40 del regolamento (CE) n. 800/1999,

— Opslag in depot onder verplichting van levering voor de bevoorrading van zeeschepen of luchtvaartuigen — toepassing van artikel 40 van Verordening (EG) nr. 800/1999,

— Colocado em entreposto com destino obligatório para abasteciemento — aplicação do artigo 40.o do Regulamento (CE) n.o 800/1999,

— Siirto varastoon sekä pakollinen toimittaminen muonitustarkoituksiin — asetuksen (EY) N:o 40 artiklan soveltaminen,

— Placering i lager med skyldighet at leverera för proviantering - artikel 40 i förordning (EG) nr 800/1999.

L-uffiċċju ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandhom jendorsjaw il-kopja ta' kontroll bid-dikjarazzjoni li l-prodotti jkunu ġew imqiegħda fil-maħżen wara l-verifika li l-prodotti jkunu ġew miktuba fir-reġistru li hemm provvediment dawru fl-Artikolu 40 (2).

Artikolu 42

1. Meta prodott li jitqiegħed f'maħżen ta' l-ikel jinstab li ma jkunx wasal fi, jew li ma jkunx f'kondizzjoni li jkun jista' jintbagħat lejn, id-destinazzjoni speċifikata, dak li jieħu ħsieb il-maħżen għandu jħallas somma stabbilita lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-ħażna.

2. Is-somma ffissata msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ikkalkola kif ġej:

(a) it-total tad-dazji fuq l-importazzjoni applikabbli fuq prodott identiku mar-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa fl-Istat Membru tal-ħażna għandu jkun iddeterminat;

(b) l-ammont akwistat permezz ta' (a) għandu mbagħad ikun miżjud b'20 %.

Ir-rata li għandha tkun użata biex ikunu kkalkolati d-dazji ta' l-importazzjoni għandha tkun:

— dik applikabbli fil-jum li fih il-prodott jasal f'destinazzjoni apparti minn dik speċifikata jew fil-jum li minnu ma jkunx aktar f'kondizzjoni biex jintbagħat lejn id-destinazzjoni speċifikata,

jew

— meta dak il-jum ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, ir-rata applikabli fil-jum li fih instab li d-destinazzjoni obbligatorja ma kinetx ġiet osservata.

3. Meta dak li jieħu ħsieb il-maħżen ikun jista' juri li l-ammont imħallas bil-quddiem fuq il-prodott f'dak il-każ ikun aktar baxx mis-somma stabbilita kif ikkalkolata permezz tal-paragrafu 2, hu għandu jħallas dak l-ammont biss, miżjud b'20 %.

B'danakollu, meta l-ammont ikun imħallas bil-quddiem fi Stat Membru ieħor, dan għandu jkun miżjud bi 40 %. F'każijiet bħal dawn, meta l-Istati Membri tal-ħażna konċernati ma jkunux jappartjenu għall-Unjoni Monetarja Ewropea, l-ammont għandu jkun ikkonvertit fil-munita nazzjonali ta' l-Istat Membru tal-ħażna bl-użu tar-rata tal-kambju ta' l-euro li tkun applikabbli fil-jum użat biex ikunu kkalkolati d-dazji msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2.

4. Il-pagament li hemm dispożizzjoni dwaru f'dan l-Artikolu m'għandux ikopri telf li jseħħ ma' tul il-ħażna f'maħżen ta' l-ikel minħabba tnaqqis naturali jew minħabba l-ippakkjar.

Artikolu 43

1. Mill-inqas darba kull 12-il xahar, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li fihom l-imħażen ta' l-ikel ikunu lokalizzati għandhom iwettqu verifika attwali tal-kwantitajiet tal-prodotti maħżuna hemmhekk.

B'dana kollu, jekk id-dħul tal-prodotti fi, u t-tneħħija tagħhom minn, l-imħażen ta' l-ikel jkunu suġġetti għal verifiki attwali fuq bażi permanenti mill-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jillimitaw il-verifika għal verifika dokumentarja tal-prodotti maħżuna.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri tal-ħażna jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment tal-prodotti lejn maħżen ta' l-ikel ieħor.

F'każijiet bħal dawn, id-dettalji tat-tieni maħżen ta' l-ikel għandhom ikunu miktuba fir-reġistru ta' l-ewwel. It-tieni maħżen ta' l-ikel u dak li jieħu ħsieb il-maħżen għandhom ukoll ikunu speċifikament approvati għall-iskopijiet tal-proċedura ta' maħżen ta' l-ikel.

La darba l-prodotti jkunu tqiegħdu taħt is-superviżjoni tat-tieni maħżen ta' l-ikel, dak it-tieni wieħed li jieħu ħsieb il-maħżen għandu jkun responsabbli għal xi somom pagabbli permezz ta' l-Artikolu 42.

3. Meta t-tieni maħżen ta' l-ikel ma jkunx lokalizzat fl-istess Stat Membru bħal l-ewwel wieħed, prova li l-prodotti jkunu tqiegħdu fit-tieni maħżen għandha tkun fornuta permezz ta' l-oriġinali tal-kopja ta' kontroll T5, li għandha jkollha waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 41 (2).

L-uffiċċju doganali kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jikkonferma l-kopja ta' kontroll b'dikjarazzjoni għall-fatt li l-prodotti jkunu ġew imqiegħda fil-maħżen wara l-verifika li l-prodotti jkunu ġew miktuba fir-reġistru li hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 40 (2).

4. Meta l-prodotti jkunu ġew imneħħija mill-maħżen ta' l-ikel u mqiegħda abbord mezz fi Stat Membru apparti milli l-Istat Membru tal-ħażna, prova li jkun hekk imqiegħda għandha tkun fornita skond l-Artikolu 39 (3).

5. Il-prova tat-tqiegħid taħt is-superviżjoni ta' maħżen ieħor ta' l-ikel, prova tal-kunsinna abbord mezz fil-Komunità u prova tal-kunsinna msemmija fl-Artikolu 44 u 45 (3)(a) għandha tkun fornuta, ħlief fil-każijiet ta' *force majeure*, fi żmien 12-il xahar mid-data tat-tneħħija tal-prodotti mill-maħżen ta' l-ikel, l-Artikolu 49 (3), (4) u (5) għandu jkun japplika *mutatis mutandis*.

KAPITOLU 2

Każijiet speċjali:

Artikolu 44

1. Kunsinni ta' fornituri tal-*catering*:

(a) lill- pjattaformi għat-tħaffir jew l-estrazzjoni taż-żejt, inklużi faċilitajiet li jipprovdu servizzi ta' sostenn għall-operazzjonijiet bħal dawn, li jinsabu fuq il-blata kontinentali Ewropea jew fuq il-blata kontinentali mhix Ewropea tal-Komunità imma li qiegħda 'il-barra miż-żona ta' tliet mili mil-linja bażi li tintuża biex tiddetermina l-baħar territorjali ta' Stat Membru;

u

(b) fuq l-ibħra miftuħa, lejn bastimenti navali u awżiljarji li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru;

għandhom, għall-iskop li tiġi stabbilita r-rata tar-rifużjonijiet pagabbli, ikunu meqjusa bħala konsenji ta' fornituri skond t-tifsira ta' l-Artikolu 36 (1)(a).

"fornituri tal-*catering*" tfisser prodotti intenzjonati biss għall-konsum abbord.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss meta r-rata tar-rifużjonijiet tkun iżgħar mir-rata l-aktar baxxa.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet għall-kunsinni kollha ta' fornituri ta' trattamenti, basta li:

(a) ċertifikat ta' kunsinna abbord ikun fornut;

u

(b) fil-każ ta' pjattaformi:

— li l-kunsinni isiru permezz ta' l-operazzjonijiet ta' fornituri rikonoxxuti bħala normali mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li minnu ssir il-kunsinna lejn il-pjattaforma. F'dan ir-rigward, il-portijiet u postijiet tat-tagħbija, it-tip tal-vapur - meta l-kunsinna ssir bil-baħar - u t-tip ta' ppakkjar u ta' *containers* għandhom, ħlief fil-każijiet ta' *force majeure*, ikunu dawk normalment użati,

— il-vapur jew l-elikotteru tal-fornitura jkun operat minn persuna naturali jew legali li jżomm ir-reġistri fil-Komunità li huma disponibbli għal konsultazzjoni u li jipprovdu dettalji suffiċjenti tal-vjaġġ jew tat-titjira.

3. Iċ-ċertifikati tal-kunsinna abbord skond ma hemm ipprovdut dwar dan fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandhom jagħtu d-dettalji kollha tal-prodotti u l-isem u/jew id-dettalji l-oħra li jidentifikaw il-pjattaforma jew il-bastiment navali jew awżiljarji fejn ġew kunsinjati u d-data tal-kunsinna. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li tingħata aktar informazzjoni.

Dan iċ-ċertifikat għandu jiġi iffirmat:

(a) fil-każ ta' pjattaformi: minn persuna meqjusa bħala responsabbli għal fornituri tal-*catering* mill-operaturi tal-pjattaformi i. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li t-tranżazzjonijiet ikunu ġenwini. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħudha;

(b) bil-każ ta' bastimenti navali jew awżiljarji: mill-awtoritajiet navali.

B'deroga mill-paragrafu 2, fil-każ ta' fornituri lill- pjattaformi, l-Istati Membri jistgħu jirrilaxxaw lill-esportaturi mill-obbligu li jippreżentaw ċertifikati tal-kunsinna abbord fil-każ tal-kunsinni:

— li jikkwalifikaw għal rifużjonijiet li ma jeċċedux EUR 3 000 għall-kull esportazzjoni,

— jipprovdu garanziji adegwati għas-sodisfazzjon ta'l-Istat Membru rigward il-wasla fid-destinazzjoni tal-prodotti, u

— meta d-dokument tat-trasport u l-prova tal-pagament jiġu ppreżentati.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jagħti r-rifużjonijiet għandu jwettaq il-verifiki tal-kwantitajiet iddikjarati bħala kunsinni lill-pjattaformi billi jivverifikaw ir-reġistri ta' l-esportatur u ta' l-operatur tal-vapur jew l-elikotteru tal-fornitura. Għandhom ukoll jassiguraw li l-kwantitajiet tal-kunsinni għall-ikel imwassalbis-saħħa ta' dan l-Artikolu ma jkunux jeċċedu l-ħtiġiet ta' l-ekwipaġġ.

Għall-iskopijiet ta' l-ewwel subparagrafu, l-għajnuna ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membritista', fejn meħtieġ, tiġi mitluba

5. Meta l-Artikolu 8 jkun japplika għall-fornituri lill-pjattaforma, waħda mis-segwenti għandhom ikunu miktuba taħt "Ohrajn" fil-kaxxa 104 tal-kopja tal-kontroll T5:

— Suministro para el abastecimiento de las plataformas – Reglamento (CE) nº 800/1999,

— Proviant til platforme — forordning (EF) nr. 800/1999,

— Bevorratungslieferung für Plattformen — Verordnung (EG) Nr. 800/1999,

— Προμήθειες τροφοδοσίας για εξέδρες — κανονισμός (ΕΚ) Αριθ. 800/1999,

— Catering supplies for rigs — Regulation (EC) No 800/1999,

— Livraison pour l'avitaillement des plates-formes — règlement (CE) nº 800/1999,

— Provviste di bordo per piattaforma — Regolamento (CE) n. 800/1999,

— Leverantie van boordproviand aan platform — Verordening (EG) nr. 800/1999,

— Fornecimentos para abastecimento de plataformas — Regulamento (CE) n.º 800/1999,

— Muonitustoimitukset lautoille — asetus (EY) N:o 800/1999,

— Proviant till plattformar — förordning (EG) nr 800/1999.

6. Meta ikun japplika l-Artikolu 40, dak li jieħu ħsieb il-maħżen għandu jintrabat li jirreġistra d-dettalji tal-pjattaforma ta' fejn tkun intbagħtet il-konsenja, l-isem/in-numru tal-vapur/elikotteru tal-fornitura u d-data tal-kunsinna abbord, fir-reġistru li hemm dispożizzjoni dwaru fil-punt (b) ta' l-Artikolu 40 (2). Ċertifikati tal-kunsinna abbord bħal ma hemm dispożizzjoni dwar dan fil-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu meqjusa li jiffurmaw parti minn reġistri bħal dawn.

7. L-Istati Membri għandhom jirranġaw biex jinżammu d-dettalji tal-kwantitajiet tal-prodotti, maqsuma bis-settur, li jkunu ġew fornuti l lill-pjattaformi u li jikkwalifikaw taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 45

1. Sabiex jiġi ddeterminat il-livell tar-rifużjoni li għandha tingħata, fornituri ta' l-ikel 'il barra mill-Komunità għandhom ikunu meqjusa bħala fornituri permezz tal-punt (a) ta' l-Artikolu 36 (1).

2. Meta r-rata tar-rifużjonijiet tvarja skond id-destinazzjoni, il-paragrafu 1 għandu jkun japplika bil-kondizzjoni li prova tkun fornuta li l-prodotti li attwalment ikunu tqiegħdu abbord ikunu l-istess bħal dawk li jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità għal dak l-iskop.

3. Il-prova msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta bil-manjiera segwenti:

(a) Prova ta' kunsinna diretta abbord għall-provviżjonijiet għandha tkun fornuta permezz ta' dokument doganali, jew dokument kontrofirmat mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż terz, tal-fornitura abbord; dokumenti ta' din ix-xorta jistgħu jkunu mħejjija skond il-mudell muri fl-Anness III.

Dawn għandhom ikunu mimlija f'waħda jew aktar mill-lingwi uffiċjali tal-Komunità u lingwa użata fil-pajjiż terz ikkonċernat.

"Kunsinna diretta" tfisser il-kunsinna ta' *container* jew ta' kunsinna mhix maqsuma ta' prodotti mqiegħda abbord vapur.

(b) Meta l-prodotti esportati ma jkunux jikkonstitwixxu fornitura diretta u jiġu mqiegħda taħt is-superviżjoni doganali fil-pajjiż terz tad-destinazzjoni qabel it-twassil abbord għal provviżjonijiet, prova ta' dak it-twassil abbord għandha tkun fornuta b'dawn id-dokumenti segwenti:

— dokument doganali jew dokument kontrofirmat ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż terz li jiċċertifika li l-kontenut tal-*container* jew ta' konsinna mhix maqsuma ta' prodotti tkun tqiegħdet f'maħżen tal-provizjonijiet u li l-prodotti li jikkonstitwixxu l-dawn ta' l-aħħar ikunu wżati biss għall-provizjonijiet; dokumenti bħal dawn jistgħu jkunu mħejjija skond il–mudell stabbilit fl-Anness III, u

— dokument doganali jew dokument kontrofirmat ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż terz li jiċċertifika it-twassil abbord tal-prodotti kollha fil-*container* jew f'kunsinna mhix maqsuma ta' prodotti tkun definittivament telqet mill-maħżen ta' l-ikel u li jkunu twasslu abbord u jispeċifika n-numru ta' konsenji parzjali; dokumenti bħal dawn jistgħu jkunu mħejjija bi qbil mal-mudell stabbilit fl-Anness III.

(ċ) Meta d-dokumenti msemmija f' (a) u t-tieni subinċiż ta' (b) ma jkunx possibbli li jiġu pprovduti, l-Istat Membru jista' jaċċetta evidenza fl-għamla ta' ċertifikat ta' aċċettazzjoni iffirmat mill-kaptan jew minn uffiċjal ieħor tar-ronda u li jkun iġib it-timbru tal-vapur.

Meta d-dokumenti msemmija fit-tieni subinċiż ta' (b) ma jistax jiġi prodott, l-Istat Membru jista' jaċċetta evidenza fl-għamla ta' ċertifikat ta' aċċettazzjoni iffirmat minn wieħed mill-impjegati tal-linja ta' l-ajru u li jkun iġib it-timbru tal-linja ta' l-ajru.

(d) Dokumenti msemmija f' (a) u fit-tieni subinċiż ta' (b) m'għandhomx ikunu aċċettati mill-Istati Membri sakemm dawn jipprovdu d-dettalji kollha tal-prodotti mwassla abbord u jistqarru d-data tal-kunsinna u n-numru tar-reġistrazzjoni u l-isem (jekk ikun hemm) tal-vapur(i) jew l-ajruplan. Biex jaċċertaw jekk il-kwantitajiet tal-forniturimwassla għall-provizjonijiet ikunux jikkorrispondu mal-ħtiġiet normali ta' l-ekwipaġġ u l-passiġġieri tal-vapur jew l-ajruplan f'dak il-każ, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu informazzjoni addizzjonali jew dokumenti li jkunu pprovduti.

4. Fil-każijiet kollha, kopja jew foto-kopja tad-dokument tat-trasport u d-dokument li jipprovdi evidenza ta' pagament għall-forniturituri tal-provizjonijiet għandha tkun ippreżentata bħala sostenn ta' l-applikazzjonijiet għall-pagament.

5. Il-prodotti mqiegħda taħt l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 40 ma jistgħux ikunu użati għal forniturituri skond il-punt (b) tal-paragrafu 3.

6. L-Artikolu 17 għandu japplika *mutatis mutandis*.

7. L-Artikolu 37 m'għandux japplika għall-każijiet koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 46

1. B'deroga mill-Artikolu 161 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/93, prodotti agrikoli kkonsenjati lejn Heligoland għandhom jiġu meqjusa bħala esportazzjoni għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet tal-pagament tar-rifużjonijiet.

2. Prodotti kkonsenjati lill-San Marino m'għandhomx ikunu meqjusa bħala esportazzjoni għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet tal-pagament tar-rifużjonijiet.

Artikolu 47

1. Rifużjonijiet ma jistgħux jiġu mogħtija fuq prodotti esportati mill-ġdid bis-saħħa ta' l-Artikolu 883 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ħlief meta l-applikazzjonijiet għal pagament lura jew ta' remissjoni fuq id-dazji ta' l-importazzjoni jkunu sussegwentement miċħuda u meta l-kondizzjonijiet l-oħra dwar l-għoti tar-rifużjonijiet jkunu mwettqa.

2. Meta l-prodotti jkunu esportati mil-ġdid permzz tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 1, referenza għall- dik il-proċedura għandha ssir fuq id-dokumenti skond ma hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 5(4).

Artikolu 48

Fil-każ ta' l-esportazzjoni kkunsinnatalill:

— il-forzi armati stazzjonati f'pajjiż terz, taħt il-kmand ta' Stat Membru jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tagħha mill-anqas Stat Membru wieħed ikun membru,

— organizzazzjonijiet internazzjonali stabbiliti f'pajjiż terz, li tagħhom mill-anqas Stat Membru wieħed ikun membru,

— korpi diplomatiċi stabbiliti f'pajjiż terz,

li fir-rigward tagħhom l-esportatur ma jkunx jista' jforni l-prova msemmija fl-Artikolu 16(1) jew (2), il-prodotti għandhom ikunu meqjusa bħallikieku kienu ġew impurtati fil-pajjiż terz ta' fejn dawk il-forzi armati jkunu stazzjonati jew ta' fejn dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew korpi diplomatiċi jkunu stabbiliti, mal-preżentazzjoni tal-prova tal-pagament għall-prodotti, konferma tal-kunsinna maħruġa mill-forzi armati, l-organizzazzjoni internazzjonali jew il-korp diplomatiku fil-pajjiż terz skond il-każ.

TITOLU IV

PROĊEDURA GĦALL-PAGAMENT TA' RIFUŻJONIJIET

KAPITOLU 1

Ġenerali

Artikolu 49

1. Ir-rifużjonijiet għandhom jitħallsu biss fuq applikazzjoni speċifika mill-esportatur u mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun aċċettata.

L-applikazzjonijiet għar-rifużjonijiet għandhom isiru:

(a) bil-kitba, għal-liema skop l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu formula speċjali; jew

(b) bi trasmissjoni minn kompjuter skond ir-regoli stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti.

Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, l-Artikoli 199 (2) u (3), 222, 223, u 224 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandhom ukoll japplikaw *mutatis mutandis*.

2. Ħlif fil-każijiet ta' *force majeure*, id-dokumenti li jirrigwardaw għall-pagamenti tar-rifużjonijiet jew tar-rilaxx ta' garanzija għandhom ikunu ppreżentati fi żmien 12-il xahar mid-data li fiha d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun aċċettata.

Meta l-liċenzja ta' l-esportazzjoni tkun użata għat-tranżazzjoni ta' l-esportazzjoni li tintitola għall-pagament tar-rifużjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor apparti mill-Istat Membru ta' l-esportazzjoni, id-dokumenti li jirrigwardaw il-pagament tar-rifużjonijiet għandhom ikun fihom foto-kopja taż-żewġ naħat ta' dik il-liċenzja, annotata kif meħtieġ.

3. Meta l-kopja tal-kontroll T5 jew, fejn xieraq, id-dokument nazzjonali li jagħti prova tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Komunità ma jkunx mibgħut lura lejn l-uffiċċju tat-tluq jew tal-korp ċentrali fi żmien tliet xhur mill-ħruġ minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontrol ta' l-esportatur, dan ta' l-aħħar jista' jippreżenta lill-aġenzija kompetenti talba raġjonevoli li d-dokumenti l-oħra għandhom ikunu meqjusa bħala ekwivalenti.

Id-dokumenti li għandhom ikunu ppreżentati bħala sostenn għal talbiet bħal dawn għandhom jinkludu s-segwenti:

(a) meta l-kopja tal-kontroll jew id-dokument nazzjonali jkun ġie maħruġ bħala prova li l-prodotti jkunu ħallew it-territorju doganali tal-Komunità:

— kopja jew foto-kopja tad-dokument tat-trasport,

u

— dokument li juri li l-prodott ikun ġie ppreżentat f'uffiċċju doganali f'pajjiż terz jew f'wieħed jew aktar mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 16(1), (2) u (4).

Ir-rekwiżiti li jkopru d-dokumenti msemmija fit-tieni subinċiż jistgħu jiġu mwarrba fil-każ ta' l-esportazzjoni li dwarha r-rifużjonijiet ma jkunux jeċċedu EUR 1 200; f'każijiet bħal dawn, b'dana kollu, l-esportatur għandu jippreżenta prova tal-pagament.

Fil-każ ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi li huma firmatarji tal-Konvenzjoni dwar il-Proċedura Komuni tat-Transitu, l-għoti lura tal-kopja 5 tad-dokument komuni tat-transitu, ittimbrat kif rikjest minn dawk il-pajjiżi, foto-kopja tagħhom iċċertifikata bħala kopja vera jew notifika mill-uffiċju doganali tat-tluq għandha tgħodd bħala d-dokumenti tas-sostenn;

(b) meta l-Artikoli 36, 40 jew 44 ikunu japplikaw, il-konferma mill-uffiċċju doganali responsabbli għall-verifika tad-destinazzjoni f'dak il-każ li l-kondizzjonijiet għal konferma tal-kopja tal-kontroll T5 mill-uffiċċju msemmi jkunu ġewsodisfatti; jew

(ċ) meta l-Artikolu 36(1)(a) jew 40 ikun japplika, iċ-ċertifikat ta' l-aċċettazzjoni previst fl-Artikolu 45(3)(ċ) u dokument li jagħti prova tal-pagament tal-forniturі tal-provviżjoni.

Għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu, ċertifikat mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ li juri li l-kopja tal-kontroll T5 tkun ġiet ippreżentata kif xieraq u li turi n-numru serjali u l-uffiċċju tal-ħruġ tal-kopja tal-kontroll u d-data li fiha l-prodott ikun telaq mit-territorju doganali tal-Komunità, għandu jkun ekwivalenti għall-kopja tal-kontroll T5.

Il-paragrafu 4 għandu jkun japplika f'dak li jirrigwarda l-preżentazzjoni ta' prova ekwivalenti.

4. Meta, avolja jkungħamel ħiltu kif imiss, l-esportatur ma jkunx jista' jakkwista u jwassal id-dokumenti meħtieġa permezz ta' l-Artikolu 16 fil-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafu 2, hu jkun jista' jiġi mogħti, fuq talba tiegħu, aktar żmien biex ikun jista' jippreżentahom.

5. L-applikazzjonijiet għad-dokumenti l-oħra għandhom ikunu meqjusa bħala ekwivalenti permezz tal-paragrafu 3, sew jekk akkompanjati u anki jekk le, minn dokumenti ta' sostenn, u l-applikazzjonijiet għal aktar żmien kif hemm provvediment dwar din fil-paragrafu 4 għandhom ikunu ppreżentati fil-limitu taż-żmien imsemmi fil-paragrafu 2. B'dana kollu, jekk dawk l-applikazzjonijiet ikunu ppreżentati fi żmien sitt xhur wara dan il-limitu taż-żmien, id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 50(2) għandhom ikunu japplikaw.

6. Meta l-Artikolu 37 jkun japplika, l-applikazzjonijiet għall-pagament tar-rifużjonijiet għandhom ikunu ppreżentati, ħlief fil-każijiet ta' *force majeure*, fi żmien 12-il xahar wara x-xhar tal-kunsinja abbord; madanakollu, l-awtorizzazzjonijiet skond kif kemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 37(1) jistgħu jkunu jeħtieġu li l-esportaturi jippreżentaw l-applikazzjoni għal pagamenti f'limiti aqsar ta' żmien.

7. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jkunu jeħtieġu traduzzjonijiet, tad-dokumenti kollha li jirrigwardaw il-pagamenti tar-rifużjonijiet, fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru kkonċernat.

8. Il-pagamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu magħmula mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur mill-jum li fih huma jkollhom f'idejhom id-dokumenti kollha u l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jissodisfaw it-talba, apparti milli fil-każijiet segwenti:

(a) *force majeure*;

jew

(b) meta inkjesta amministrattiva speċjali dwar l-intitolament għar-rifużjonijiet tkun ġiet miftuha. F'dawn il-każijiet, il-pagament għandu jsir biss wara li l-intitolament għar-rifużjonijiet ikun ġie rikonoxxut;

jew

(ċ) għall-applikazzjoni tal-kumpens previst fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 52 (2).

9. Ir-rifużjonijiet ma jistgħux jingħataw meta l-ammont ikun anqas minn jew egwali għal EUR 60 kull dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni.

Artikolu 50

1. Fiċ-ċirkostanzi meta r-rekwiziti kollha stabbiliti bir-regoli tal-Komunità għall-wiri ta' l-intitolar għal rifużjonijiet apparti milli b'konformità ma' wieħed mill-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 7(1), 15(1) u 40(1) ikunu ġewsodisfatti, ir-regoli segwenti għandhom ikunu japplikaw:

(a) ir-rifużjonijiet għandhom l-ewwel ikunu mnaqqsa bi 15 %;

(b) il-kumplament tar-rifużjonijiet, minn hawn 'il quddiem imsemmija "ir-rifużjonijiet mnaqqsa", għandhom ikunu aktar imnaqqsa kif ġej:

(i) 2 % tar-rifużjonijiet mnaqqsa għandhom ikunu mitlufa għal kull jum sa meta l-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 15(1) ikun ġiemaqbuż;

(ii) 5 % tar-rifużjonijiet mnaqqsa għandhom ikunu mitlufa għal kull jum sa meta l-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 7(1) ikun ġiemaqbuż; jew

(iii) 10 % tar-rifużjonijiet mnaqqsa għandhom ikunu mitlufa għal kull jum sa meta l-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 40(1) ikun ġiemaqbuż.

2. Meta l-prova li r-rekwiżiti kollha stabbiliti bir-regolamenti tal-Komunità jkunu ġew sodisfatti jkunu ġew ipprovduti fi żmien sitt xhur mill-iskadenza tal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 49(2) u (4), ir-rifużjonijiet imħallsa għandhom ikunu 85 % tas-somma li kienet tkun imħallsa li kieku r-rekwiżiti kollha kienu ġewsodisfatti.

Meta l-prova li r-rekwiżiti kollha stabbiliti bir-regolamenti tal-Komunità jkunu ġew sodisfatti jkunu ġew ipprovduti fi żmien sitt xhur mill-iskadenza tal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 49(2) u (4), imma l-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 7(1), 15(1) jew 40(1) ikununqabbżu, ir-rifużjonijiet mħallsa għandhom ikunu skond il-paragrafu 1, imnaqqsin bi 15 % tas-somma li kienet tkun imħallsa li kieku r-rekwiżiti kollha kienu ġewsodisfatti.

3. Meta r-rifużjonijiet ikunu ġew imħallsa bil-quddiem bi qbil ma' l-Artikolu 24 u wieħed jew aktar tal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 7(1) u 15(1) ma jkunux ġew milħuqa, il-parti tal-garanzija mitlufa għandha tkun egwali għal:

— it-tnaqqis ikkalkolat skond il-paragrafu 1,

— flimkien ma' 10 %.

Il-bilanċ tal-garanzija għandu jkun rilaxxat.

Meta r-rifużjonijiet jkunu ġew imħallsa bil-quddiem skond l-Artikolu 24 u prova li r-rekwiżiti kollha stabbiliti bir-regolamenti tal-Komunità jkunu ġewsodisfatti tkun fornuta fi żmien sitt xhur mill-iskadenza tal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 49(2) u (4), l-ammont li għandu jkun imħallas lura għandu jkun egwali għal 85 % tal-garanzija.

Meta, fil-każijiet koperti bit-tielet subparagrafu, wieħed jew aktar mill-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 7(1) u 15(1) ikunu, b'żieda, mhux milħuqa, l-ammont li jrid jitħallas lura għandu jkun egwali għal:

— l-ammont imħallas lura skond it-tielet subparagrafu,

— imnaqqsa minnu l-parti tal-garanzija mitlufa bis-saħħa ta' l-ewwel subparagrafu.

4. It-total tar-rifużjonijiet mitlufa ma jistax jeċċedi r-rifużjonijiet totali li kellhom jitħallsu li kieku r-rekwiżiti kollha kienu ġewsodisfatti.

5. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, nuqqas li jkun milħuq il-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 39(1) għandu jkun meqjus bħala nuqqas li jkun milħuq il-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 7(1).

6. Meta l-Artikolu 4(2) u/jew l-Artikolu 18(3) u/jew l-Artikolu 51 ikunu japplikaw:

— it-tnaqqis previst f'dan l-Artikolu għandu jkun ikkalkolat fuq il-bażi tar-rifużjonijiet pagabbli bis-saħħa ta' l-Artikolu 4(2) u/jew l-Artikolu 18(3) u/jew l-Artikolu 51,

— ir-rifużjonijiet mitlufa minħabba dan l-Artikolu m'għandhomx jeċċedu dawk pagabbli bis-saħħa ta' l-Artikolu 4(2) u/jew l-Artikolu 18(3) u/jew l-Artikolu 51.

KAPITOLU 2

Penalitajiet u rkupru ta' ammonti mħallsa żejda

Artikolu 51

1. Meta jinstab li l-esportatur bil-ħsieb li jakkwista għotja ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni jkun applika għal rifużjonijiet li jeċċedu lil dawk applikabbli, ir-rifużjonijiet dovuti għall-esportazzjoni relevanti għandhom ikunu dawk applikabbli għall-prodotti attwalment esportati, imnaqqsa b':

(a) nofs id-differenza bejn ir-rifużjonijiet li għalihom tkun saret applikazzjoni u dawk applikabbli għall-esportazzjoni attwali,

(b) id-doppju tad-differenza bejn ir-rifużjonijiet li tkun saret applikazzjoni għalihom u dawk applikabbli meta l-esportatur intenzjonalment jipprovdi informazzjoni falza.

2. Ir-rifużjonijiet li għalihom tkun saret applikazzjoni jkunu meqjusa li jkunu l-ammont ikkalkolat mill-informazzjoni provduta skond l-Artikoli 5 jew 26(2). Meta r-rifużjonijiet ivarjaw skond id-destinazzjoni, il-parti differenzjata tar-rifużjonijiet għalihom tkun saret applikazzjoni għandha tkun ikkalkolata bl-użu tad-dettalji fuq il-kwantità, il-piż u d-destinazzjoni previsti skond l-Artikolu 49.

3. Il-penalità li hemm provvediment dwarha fil-punt (a) tal-paragrafu 1 m'għandhiex tkun applikabbli:

(a) fil-każijiet ta' *force majeure*,

(b) f'każijiet eċċezzjonali meta l-esportatur, fuq l-inizjattiva tiegħu stess, immedjetament wara li jsir jaf li r-rifużjonijiet li jkun applika għalihom ikunu eċċessivi jinnotifika bil-miktub lill-awtorità kompetenti dwar dan, sa kemm l-awtorità kompetenti ma tkunx diġà infurmat lill-esportatur li jkollha l-intenzjoni li teżamina t-talba jew li l-esportatur ikun diġà sar jaf b'din l-intenzjoni, jew li l-awtorità kompetenti tkun diġà stabbiliet li r-rifużjonijiet mitluba ma kinux korretti;

(ċ) fil-każijiet ta' żball ovvju rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti rigward ir-rifużjonijiet li għalihom tkun saret applikazzjoni,,

(d) fil-każijiet meta r-rifużjonijiet mitluba skond ir-Regolament (KE) Nru 1222/94, u partikolarment l-Artikolu 3(2) tiegħu, u li jkunu kkalkolati fuq il-bażi tal-medja tal-kwantitajiet użati matul perijodu speċifiku;

(e) fil-każijiet ta' piż aġġustat sakemm d-differenzi fil-piż ikunu dovut għal differenza fil-metodu applikat għal-użin.

4. Meta t-tnaqqis previst fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 jirriżulta f'ammont negattiv, l-esportatur għandu jħallas l-ammont negattiv.

5. Meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li r-rifużjonijiet li għalihom tkun saret applikazzjoni ma jkunux korretti u li l-esportazzjoni ma tkunx seħħet u b'konsegwenza ta' dan r-rifużjonijiet ma jkunux jistgħu jitnaqqsu, l-esportatur għandu jħallas il-penali skond il-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 1 li tapplika jekk l-esportazzjoni sseħħ. Meta r-rata tar-rifużjonijiet tvarja skond id-destinazzjoni, ir-rata pożittiva l-aktar baxxa jew, jekk għola r-rata li tirriżulta mill-indikazzjonijiet rigward id-destinazzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 24(2) jew 26(24) għandha tkun użata biex ikunu kkalkolati r-rifużjonijiet li għalihom tkun saret applikazzjoni u r-rifużjonijiet applikabbli, ħlief meta tkun stipulata destinazzjoni obligatorja.

6. Pagamenti permezz tal-paragrafi 4 u 5 għandhom isiru fi żmien 30 jum tal-wasla ta' l-applikazzjoni għal pagament. Meta l-limitu taż-żmien ma jkunxmiżmum, l-esportatur għandu jħallas l-imgħax bir-rata msemmija fl-Artikolu 52(1) fil-perjodu li jibda 30 jum mid-data tal-wasla tat-talba għall-pagament u tispiċċa fil-jum li jipprečedi dak tal-pagament ta' l-ammont mitlub.

7. Il-penalitajiet m'għandhomx japplikaw sempliċement meta r-rifużjonijiet li għalihom tkun saret applikazzjoni jkunu aktar mir-rifużjonijiet applikabbli bis-saħħa ta' l-Artikoli 4(2), 18(3), 35(2) u/jew 50.

8. Il-penalitajiet għandhom ikunu applikabbli bla ħsara għall- -penalitajiet stabbiliti fil-livell nazzjonali.

9. L-Istati Membri jistgħu jwarrbu l-impożizzjoni ta' penalitajiet ta' EUR 60 jew anqas rigward kull dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni.

10. Meta l-prodott indikat fid-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni jew tfid-dikjarazzjoni tal-pagament ma jkunx kopert billiċenzja, l-ebda rifużjonijiet ma għandhom jitħallsu u l-paragrafu 1 m'għandux ikun applikabbli.

11. Meta r-rifużjonijiet ikunu ġew stabbiliti bil-quddiem, il-kalkolazzjoni tal-penali għandha tkun ibbażata fuq ir-rati tar-rifużjonijiet validi fil-jum li fih l-applikazzjoni tal-liċenzja tkun ippreżentata mingħajr ma jiġi kkonsidrat it-telf tar-rifużjonijiet permezz ta' l-Artikolu 4(1) jew tat-tnaqqis tar-rifużjonijiet bis-saħħa ta' l-Artikolu 4(2) jew l-Artikolu 18(3). Meta jkun meħtieġ, ir-rati bħal dawn għandhom ikunu aġġustati fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni jew tad-dikjarazzjoni tal-pagament.

Artikolu 52

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jkun imħallas l-ammont negattiv skond l-Artikolu 51(4), il-benefiċjarju għandu jħallas lura r-rifużjonijiet akkwistati mhux kif suppost, li jinkludu xi penali applikabbli bis-saħħa ta' l-Artikolu 51(1) u l-imgħax ikkalkolat fuq iż-żmien li jkun għadda bejn il-pagament u l-ħlas lura. Madanakollu,

(a) meta l-ħlas lura jkun kopert b'garanzija, mhux rilaxxata, issekwestru ta' dik il-garanzija skond l-Artikolu 25(1) jew 35(1) għandu jikkostitwixxi l-irkupru ta' l-ammont dovut;

(b) meta l-garanzija tkun ġiet rilaxxata, il-benefiċċjarju jista' jħallas dik il-parti tal-garanzija li kienet tkun ġiet issekwestrata, flimkien ma' l-imgħax ikkalkolat mid-data tar-rilaxx tad-data li tipprečedi dik tal-pagament.

Il-pagament għandu jsir fi żmien 30 jum tal-wasla tat-talba għall-pagament.

Meta l-benefiċjarji jkunu mitluba biex iħallsu lura l-fondi, għall-iskopijiet tal-kalkolazzjoni ta' l-imgħax l-Istat Membru jista' jikkonsidra pagament li jkun magħmul fl-20 jum li jsegwu d-data tat-talba għall-pagament lura.

Ir-rata ta' l-imgħax pagabbli għandha tkun ikkalkolata skond il-liġi nazzjonali; ma tistax b'dana kollu, tkun aktar baxxa mir-rata applikabbli għall-irkupru ta' ammonti taħt id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

Meta pagament isir mhux kif suppost bħala riżultat ta' xi żball mill-awtoritajiet kompetenti, l-ebda imgħax m'għandu jigi miġbur: jista' jinġabar ta' l-aktar, l-ammont korrispondenti għall-qligħ akkwistat mhux kif suppost, li għandu jkun iddeterminat mill-Istat Membru.

Meta r-rifużjonijiet jitħallsu lill-assenjatarju, hu u l-esportatur għandhom flimkien u separatament ikunu responsabbli għall-ħlas lura ta' l-ammonti mħallsa żejda, il-garanziji rilaxxati mhux kif suppost u l-imgħax li jkun marbut ma' l-eportazzjoni kkonċernata. Ir-responsabbiltà ta' l-assenjat għandha, b'dana kollu, tkun limitata għall-ammont imħallas lilu flimkien ma' l-imgħax.

2. L-ammonti rkuprati, l-ammonti skond l-Artikoli 51 (4) u (5) u l-imgħax miġbur għandhom ikunu mħallsa lill-aġenziji tal-pagamenti, li għandhom inaqqsu l-ammonti kkonċernati min-nefqa tal-Fond Ewropew tal-Gwida u l-Garanzija Agrikola (FEGGA), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 595/91 [1].

Meta l-limitu taż-żmien għal pagament ma jkunx miżmum, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, minnflok il-ħlas lura, kull ammontmħallas żejjed, garanziji rilaxxati mhux kif suppost u imgħax kompensatarju għandhom jitnaqqsu mill-pagamenti sussegwenti f'dak li jikkonċerna l-esportatur.

It-tieni subparagrafu għandu wkoll japplika għal ammonti li għandhom jitħallsu skond l-Artikolu 51 (4) u (5).

3. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 51 (9) tat-twarrib ta' l-applikazzjoni tal-penalitajiet fil-każ ta' ammonti żgħar, l-Istati Membri jistgħu jwarrbu l-ħlas lura ta' rifużjonijiet imħallsa żejda, granziji rilaxxati mhux kif suppost, imgħax u ammonti bħal ma hemm provdut dwar dan fl-Artikolu 51 (4) meta l-ħlas lura bħal dan kull dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni ma jkunx jeċċedi EUR 60, bil-kondizzjoni li l-liġi nazzjonali tistabbilixxi regoli simili li jipprovdu għal nuqqas ta' rkupru f'każijiet bħal dawn.

4. L-obbligu tal-ħlas lura msemmi fil-paragrafu 1 m'għanduxikun japplika:

(a) jekk il-pagament ikun sar bi żball mill-awtoritjiet kompetenti nfushom ta' l-Istat Membru jew ta' xi awtorità oħra kkonċernata u l-iżball ma setgħax raġonevolment ikun misjub mill-benefiċjarju u l-benefiċjarju min-naħa tiegħu jkun aġixxa b'intenzjoni tajba; inkella

(b) jekk il-perjodu li jkun skada bejn il-jum tan-notifika lill-benefiċjarju u d-deċiżjoni finali dwar l-għoti tar-rifużjonijiet u dik ta' l-ewwel informazzjoni lill-benefiċjarju mill-awtorità kompetenti nazzjonali jew tal-Komunità dwar in-natura mhux xierqa tal-pagament ikkonċernat ikun ta' aktar minn erba' snin. Din id-dispożizzjoni għandha tkun tapplika biss jekk il-benefiċjarju jkun aġixxa b'rieda tajba.

L-atti ta' xi parti terza li jirrigwardaw direttament jew indirettament il-formalitajiet meħtieġa għall-pagament tar-rifużjonijiet, inklużi l-atti tal-kontroll internazzjonali u ta' l-aġenziji ta' superviżjoni, għandhom ikunu attribwiti lill-benefiċjarju.

Id-dispożizzjoni ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal avvanzi fuq ir-rifużjonijiet. Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas lura skond l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, is-sanzjoni amministrattiva permezz tal-punt (a) ta' l-Artikolu 51 (1) m'għandhiex tkun tapplika.

[1] ĠU L 67, ta' l-14.3.1991, p. 11.

TITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 53

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

— mingħajr dewmien, bil-każijiet meta l-Artikolu 20(1) ikun japplika; il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membru l-oħra,

— għal kull kodiċi ta' 12 il-figura, tal-kwantitajiet ta' prodotti esportati mhux koperti b'liċenzji ta' l-esportazzjoni ffissati bil-quddiem tar-rifużjonijiet dwar il-każijiet imsemmija fl-ewwel subinċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4 (1), l-Artikolu 6 u l-Artikolu 45. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li l-informazzjoni bħal din tkun innotifikata mhux aktar tard mit-tieni xahar li jiġi wara dak tat-twettieq tal-formalitajiet doganali ta' l-esportazzjoni.

Artikolu 54

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 3665/87 huwa hawnhekk imħassar.

B'dana kollu, dak ir-Regolament għandu jibqa' japplika għal:

— l-esportazzjoni mhix koperta b'dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni aċċetata qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,

u

— meta r-Regolament (KEE) Nru 565/80 ikun japplika għall-esportazzjoni koperta b'dikjarazzjoni tal-pagament aċċettata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,

2. Referenzi fl-istrumenti kollha tal-Komunità għar-Regolamenti (KEE) Nru 1041/67, (KEE) Nru 192/75, (KEE) Nru 2730/79, (KEE) Nru 798/80, (KEE) Nru 2570/84, (KEE) Nru 2158/87 u (KEE) Nru 3665/87 jew lejn l-artikoli speċifiċi tagħhom għandhom ikunu meqjusa bħala li jirreferu għal dan ir-Regolament jew għall-Artikoli korrespondenti tiegħu.

Tabella ta' korrelazzjoni, relattiva għall-Artikoli tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, tinstab fl-Anness I.

Artikolu 55

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 Lulju 1999.

Ma' l-applikazzjoni mill-partijiet interessati kollha, id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 15(4) għandhom japplikaw għall-esportazzjoni li dwarha l-formalitajiet doganali ta' l-esportazzjoni kienu ġew imwettqa fi -, jew wara id-19 ta' Jannar 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, il-15 ta' April 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Tabella tal-korrelazzjoni

Dan ir-Regolament	Ir-Regolament (KEE) Nru 3665/87
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2	L-Artikolu 2
L-Artikolu 3	—
L-Artikolu 4	L-Artikolu 2a
L-Artikolu 5	L-Artikolu 3
L-Artikolu 6	L-Artikolu 3a
L-Artikolu 7	L-Artikolu 4
L-Artikolu 8	L-Artikolu 6
L-Artikolu 9	L-Artikolu 6a
L-Artikolu 10	L-Artikolu 7
L-Artikolu 11(1), (5) u (6)	L-Artikolu 8
L-Artikolu 11(2), (3) u (4)	L-Artikolu 10
L-Artikolu 12	L-Artikolu 9
L-Artikolu 13	L-Artikolu 12
L-Artikolu 14	L-Artikolu 16
L-Artikolu 15	L-Artikolu 17
L-Artikolu 16	L-Artikolu 18
L-Artikolu 17	L-Artikolu 19
L-Artikolu 18	L-Artikolu 20
L-Artikolu 19	L-Artikolu 21
L-Artikolu 20(1), (2) u (3)	L-Artikolu 5
L-Artikolu 20 (4)	L-Artikolu 15 (2)
L-Artikolu 21	L-Artikolu 13
L-Artikolu 22	L-Artikolu 14
L-Artikolu 23	L-Artikolu 15 (1)
L-Artikolu 24	L-Artikolu 22
L-Artikolu 25	L-Artikolu 23
L-Artikolu 26	L-Artikolu 25
L-Artikolu 27	L-Artikolu 26
L-Artikolu 28(1). (2) (3), (5) u (6)	L-Artikolu 27
L-Artikolu 29	L-Artikolu 28
L-Artikolu 30	L-Artikolu 28a
L-Artikolu 31	L-Artikolu 29
L-Artikolu 32	L-Artikolu 30
L-Artikolu 33	L-Artikolu 31
L-Artikolu 34	L-Artikolu 32
L-Artikolu 35	L-Artikolu 33
L-Artikolu 36	L-Artikolu 34
L-Artikolu 37	L-Artikolu 35
L-Artikolu 38	L-Artikolu 36
L-Artikolu 39	L-Artikolu 37
L-Artikolu 40	L-Artikolu 38
L-Artikolu 41	L-Artikolu 39
L-Artikolu 42	L-Artikolu 40

Dan ir-Regolament	Ir-Regolament (KEE) Nru 3665/87
L-Artikolu 43	L-Artikolu 41
L-Artikolu 44	L-Artikolu 42
L-Artikolu 45	L-Artikolu 43
L-Artikolu 46	L-Artikolu 44
L-Artikolu 47	L-Artikolu 45
L-Artikolu 48	L-Artikolu 46
L-Artikolu 49 (1) sa (7)	L-Artikolu 47
L-Artikolu 49 (9)	L-Artikolu 11 (2)
L-Artikolu 50	L-Artikolu 48
L-Artikolu 51	L-Artikolu 11 (1)
L-Artikolu 52	L-Artikolu 11 (3) sa (6)
L-Artikolu 53	L-Artikolu 49
L-Artikolu 54	L-Artikolu 50
L-Artikolu 55	L-Artikolu 51
L-Anness I	L-Anness I
L-Anness II	L-Anness III
L-Anness III	L-Anness IV
L-Anness IV	—
L-Anness V	—

ANNESS II

Lista ta' Pajjiżi Terżi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 16(2)(d) li jeħtieġu li l-prodotti jkunu impurtati qabel ma' l-fondi jkunu jistgħu jiġu ttrasferiti fil-pagament

L-Alġerija
Il-Malawi
Il-Burundi
Malta
Il-Gwinea Ekwatorjali
St Lucia
Il-Kenja
Is-Senegal
Il-Lesoto
It-Tanżania

ANNESS III

<table>
<tr><td>1. L-esportatur (isem u indirizz sħiħ fl-Istat Membru)</td><td colspan="3">ĊERTIFIKAT TA' FORNITURA TA' KUNSINJI LEJN VAPURI U AJRUPLANI F'PAJJIŻI TERZI</td></tr>
<tr><td rowspan="2">2. Il-maħżen ta' l-ikel (isem u indirizz sħiħ fil-pajjiż terz)</td><td colspan="3">Nota:
Din il-formula għandha tkun miktuba b'kitba li tinqara' u li ma titħasssarx jew bl-idejn inkella bl-użu tat-typewriter.</td></tr>
<tr><td>3. L-Istat Membru ta' l-esportazzjoni</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td rowspan="2">5. L-isem tal-vapur u l-pajjiż tar-reġistrazzjoni jew in-numru tar-reġistrazzjoni ta' l-ajruplan</td><td></td><td colspan="2">4. Pajjiż</td></tr>
<tr><td colspan="3">6. Tip, numru u data tad-dokument ta' l-esportazzjoni
maħruġa minn …… uffiċċju doganali ……..</td></tr>
<tr><td>7. Tip u data tad-dokument tat-trasport</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td colspan="2">8. Marki u numri – Numru u tipi tal-pakketti – Deskrizzjoni ta' l-oġġetti</td><td>9. Il-piż gross (kg)</td><td>10. Kwantità netta (1)</td></tr>
<tr><td colspan="4">11. KONFERMA MILL-AWTORITAJIET DOGANALI TAL-PAJJIŻ LI FIH ISSEĦĦ IL-PROVVIŻJONI
Dan jiċċertifika li l-oġġetti ta' hawn fuq
A. kienu ġew ikkonsenjati abbord il-vapur jew l-ajruplan muri fil-kaxxa 5 (2)
B. huma fil-maħżen muri fil-kaxxa 2 u għandhom ikunu użati solament għal provviżjonijiet (2)
Rimarki

Post u data:</td><td colspan="2">Firma u timbru ta' l-awtoritajiet doganali</td></tr>
</table>

(1) Kilogrammi jew unità oħra ta' kejl

(2) Ħassar kif approprjat.

ANNESS IV

Lista ta' pajjiżi terzi u ta' territorji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 17 (b) u (ċ)

L-Islanda
Is-Slovakkja
In-Norveġja
L-Ungerija
Il-Liechtenstein
Ir-Rumanija
L-Isvizzera
Il-Bulgarija
Il-Heligoland
L-Albanija
L-Andorra
L-Ukrajna
Ġibiltà
Il-Belarussja
Ċeuta u Melilla
Il-Moldovja
Il-Belt tal-Vatikan
Ir-Russja
Malta
Il-Ġeorġja
Ċipru
L-Armeja
Il-Marokk
L-Ażerbajġann
It-Turkija
L-Estonja
Is-Slovenja
Il-Latvja
Il-Kroatzja
Il-Litwanja
Il-Bosnia-Herżegovina
Il-Polonja
Is-Serbia u l-Montenegro
Ir-Republika Ċeka
Dik li qabel kienet ir-Republika Jugoslava tal-Maċedonja

ANNESS V

Lista ta' prodotti li japplika għalihom l-Artikolu 20(4)(d)

I. Prodotti elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 (ross):

II. Prodotti elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 (zokkor u *isoglucose*):

III. Prodotti elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 (ċereali):

IV.

Kodiċi NM	Ċanga/vitella
0102	Bhejjem ħajjin tal-fart
0201	Laħam tal-bhejjem tal-fart, frisk jew imkessaħ
0202	Laħam tal-bhejjem tal-fart, friżat
0206 10 95	Il-falda l-ħoxna u l-falda l-irqiqa, friski jew imkessħin
0206 29 91	Il-falda l-ħoxna u l-falda l-irqiqa, friżati

V.

Kodiċi NM	Ħalib u prodotti tal-ħalib
0402	Ħalib u krema, ikkonċentrati jew li jkun fihom zokkor miżjud jew materjal ieħor tal-ħlewwa
0403 90 11 sa 0403 90 39	Trab tax-xorrox tal-ħalib
0404 90 21 sa 0404 90 89	Kostitwenti tal-ħalib
0405	Butir u xaħmijiet u żjut oħra akkwistati mill-ħalib
0406 20	Ġobon maħkuk jew fi trab
0406 30	Ġobon ipproċċessat
0406 90 13 sa 0406 90 27	Ġobnijiet oħrajn
0406 90 61 sa 0406 90 81	
0406 90 86 sa 0406 90 88	

VI.

Kodiċi NM	Inbid
2204 29 62 2204 29 64 2204 29 65 2204 29 71 2204 29 72 2204 29 75 2204 29 83 2204 29 84 2204 29 94 2204 29 98	Inbid tal-mejda fil-massa

VII.

Kodiċi NM	Prodotti agrikoli esportati fl-għamla ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness II tat-Trattat
1901 90 91	- - - Li ma jkunx fihom xaħmijiet tal-ħalib, *sucrose*, *isoglucose*, *glucose* jew lamtu jew li jkun fihom bil-piż anqas minn 1,5 % xaħam tal-ħalib, 5 % ta' *sucrose* (inkluż zokkor invertit) jew *isoglucose*, 5 % ta' *glucose* jew lamtu, eskluži Preparati f'għamla ta' trab ta' l-oġġetti fl-intestatura Nru 0401 sa 0404
2101 12 92	- - - Preparati b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati tal-kafè
2101 20 92	- - - Preparati b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati tat-tèjew maltu
3505 10 10 sa 3505 10 90	Dextrini u lamtijiet oħra mmodifikati
3809 10 10 sa 3809 10 90	Aġenti ta' stabbilizzar, aġent biex iħaffef it-teħid tal-kuluri jew l-istabbillizzar tal-materjali tal-kuluri u prodotti oħra u preparati b'bażi ta' sustanzi amilakeċi